



Sena Ewropea għal **Anzjanità Attiva**
u s-**Solidarjetà** bejn il-Ġenerazzjonijiet 2012



Il-kontribut tal-UE
għat-tixjiħ attiv u
s-**solidarjetà** bejn
il-ġenerazzjonijiet

Iffinanzjat mill-



Il-Kummissjoni
Ewropea

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna oħra li taġixxi f'isem il-Kummissjoni m'huma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

Id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni
Taqsima D.3
Manuskritt li tlesta f'Ġunju 2012

© Ritratt tal-qoxra: Getty Images

Għal kull użu jew riproduzzjoni tar-ritratti li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand il-proprjetarju(i) tad-dritt tal-awtur.

Europe Direct huwa servizz li jgħinek
issib tweġibiet għall-mistoqsijiet
tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.

**Numru tat-telefon waħdieni bla ħlas (*):
00 800 6 7 8 9 10 11**

(*). Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux
aċċess għal numri 00 800 jew inkella dawn
it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar kif ukoll astratt jinsabu fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2012

ISBN 978-92-79-25132-0
doi:10.2767/68347

© L-Unjoni Ewropea, 2012

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Printed in Belgium

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR ELEMENTARI (ECF)

Kelmtejn qabel mill-Kummissarju Andor



Aħna għandna t-tendenza li ninsew li t-tixjiħ tal-popolazzjoni huwa kisba kbira — ir-riżultat ta' kundizzjonijiet tal-għajxien li jgħibu 'l quddiem is-saħħa u ta' avvanzi kbar fil-mediċina li qegħdin inaqqsu l-mortalità prematura. Barra minn hekk, in-nies issa għandha aktar libertà li tagħżel jekk u meta jkollhiex it-tfal.

Madankollu, huwa bla dubju minnu li t-tixjiħ rapidu tal-popolazzjoni tal-Ewropa matul id-deċenni li ġejjin u l-irtirar mistenni tal-ġenerazzjoni tal-“baby-boom” jippreżentaw sfidi reali. Ħafna nies jibzġu li l-ħajja se tkun aktar diffiċli fis-soċjetajiet li se nkunu qegħdin ngħixu fihom b'nies ferm akbar fl-età u li t-tensjonijiet jew saħansitra l-kunflitt miftuħ bejn il-ġenerazzjonijiet se jkunu inevitabli.

Is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet 2012 fittxet li tipprevjeni kwalunkwe żvilupp negattiv bħal dan. Iċ-ċavetta hija li t-tixjiħ attiv jiġi appoġġat fl-aspetti kollha tal-ħajja, mill-attivitajiet professjonali, komunitarji u familjari għall-kapaċità li wieħed jgħix u jixxjeħ fi stat ta' saħħa tajba u b'mod indipendenti. Din se tkun il-bażi għas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet fis-snin li ġejjin. Dan ifisser li, meta nibdew nixxjeħu, aħna nżommu kontroll fuq ħajjitna minflok ikollna niddependu fuq ġenerazzjonijiet iżgħar minna.

It-tixjiħ attiv jibda fuq il-post tax-xogħol. Fi stħarriġ tal-Eurobarometer li sar dan l-aħħar, terz tal-Ewropej qalu li huma jixxjeħu jibqgħu jaħdmu wara li jkunu laħqu l-età li fiha huma intitolati għall-pensjoni, għalkemm mhux neċessarjament fuq bażi full-time. Iżda mhumiex ħafna l-Ewropej li qegħdin jingħataw iċ-ċans li jagħmlu dan bħalissa.

Fl-istess ħin, dan ifisser li jeħtieġ li aħna nbiddu l-attitudni tagħna lejn xi jfisser li tkun ixjaħ, billi ngħollu d-demarkazzjoni bejn “żgħażuġħ” u “anzjan” billi l-għomor tagħna mistenni jiżdied u billi nżidu l-apprezzament tagħna għall-appoġġ u l-esperjenza li l-anzjani jistgħu u qegħdin joffru fl-oqsma kollha tal-ħajja. It-tixjiħ attiv ifisser ukoll li għandu jiġi offrut appoġġ aħjar lill-anzjani li jkollhom bżonnu, sabiex b'hekk, l-indebolimenti tas-saħħa ma jwasslux awtomatikament għall-esklużjoni u għad-dipendenza eċċessiva fuq l-għajnuna tal-oħrajn, bil-għan li tiġi żgurata ħajja ta' dinjità.

Hija aġenda vasta li l-livelli kollha tal-gvern, in-negozji, it-trejdunjins u s-soċjetà ċivili għandhom jikkontribwixxu għaliha. L-istrumenti politiċi ewlenin jinsabu f'idejn dawk li jfasslu l-politika fl-Istati Membri. Madankollu, l-Unjoni Ewropea (UE) għandha rwol x'taqdi f'dan ir-rigward. Hija tista' timmobilizza firxa wiesgħa ta' strumenti politiċi sabiex tappoġġa lill-Istati Membri u lil partijiet interessati oħrajn fl-isforzi tagħhom.

Is-Sena Ewropea tipprovdi opportunità għalina lkoll biex naħsbu dwar x'nistgħu nagħmlu biex nagħmlu t-tixjiħ attiv realtà u biex nimpennjaw irwieħna għal inizjattivi ġodda fis-snin li ġejjin. Dan il-fuljett jippreżenta l-kontribut tal-UE għall-aġenda tat-tixjiħ attiv u juri li l-UE hija msieħba qawwija f'dan ir-rigward.

Jien nittama li dan il-fuljett se jgħin sabiex isaħħaħ id-determinazzjoni li naħdmu flimkien fil-livell Ewropew u jispira aktar sforzi ddeterminati fl-Istati Membri kollha għall-promozzjoni tat-tixjiħ attiv, sabiex b'hekk jiġi żgurat li s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet tkun tiflaħ għat-test tat-tixjiħ tal-popolazzjoni.

László ANDOR

Kummissarju responsabbli għall-impjegi, l-affarijiet soċjali u l-inklużjoni

Werrej

| | |
|---|----|
| Kelmtejn qabel mill-Kummissarju Andor..... | 1 |
| Daħla | 3 |
| 1. It-tixjiħ attiv u l-miri u l-valuri fundamentali tal-UE..... | 5 |
| 2. Leġiżlazzjoni tal-UE li tappoġġa t-tixjiħ attiv | 6 |
| <i>Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni</i> | 6 |
| <i>Legiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi</i> | 6 |
| <i>Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xoġhol.....</i> | 7 |
| <i>Is-sigurtà soċjali u l-moviment ħieles.....</i> | 7 |
| 3. Kif il-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni Ewropej jappoġġaw it-tixjiħ attiv | 8 |
| <i>Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE)</i> | 8 |
| <i>Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR).....</i> | 8 |
| <i>Il-Fond ta' Koeżjoni</i> | 9 |
| <i>Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).....</i> | 9 |
| 4. Ir-riċerka u l-innovazzjoni..... | 10 |
| <i>Is-seba' programm kwadru għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (FP7).....</i> | 10 |
| <i>Politika ta' Koeżjoni li tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni</i> | 10 |
| <i>Il-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP).....</i> | 10 |
| <i>Is-Sħubija tal-Innovazzjoni Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu.....</i> | 11 |
| 5. L-appoġġ tal-UE lil dawk li jfasslu l-politika fil-livell nazzjonali: strateġiji kkoordinati u taġħlim reċiproku..... | 13 |
| <i>Nifħmu t-tibdil demografiku.....</i> | 13 |
| <i>L-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi</i> | 13 |
| <i>Il-Metodu Miftuħ tal-Koordinazzjoni fl-Inklużjoni Soċjali u l-Ħarsien Soċjali</i> | 14 |
| <i>Nikkontestaw id-diskriminazzjoni fuq il-baħi tal-età</i> | 16 |
| <i>Opportunitajiet indaqs għal persuni b'diżabilità</i> | 16 |
| <i>Strateġija għall-ugwaljanza bejn is-sessi</i> | 16 |
| <i>L-innovazzjoni soċjali.....</i> | 17 |
| <i>Il-Programm tal-UE għall-impjiegi u s-solidarjetà soċjali (Progress).....</i> | 17 |
| <i>Il-prijoritajiet tas-saħħa pubblika, il-promozzjoni tal-attività fiżika u l-finanzjament.....</i> | 17 |
| <i>Il-promozzjoni tal-aċċessibilità u l-mobilità.....</i> | 18 |
| <i>Il-promozzjoni tal-ICT għat-tixjiħ attiv</i> | 18 |
| <i>L-inkoraġġiment għat-tagħlim tul il-ħajja.....</i> | 19 |
| <i>Konklużjoni.....</i> | 19 |

Daħla

Is-Sena Ewropea għat-Tixji Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet 2012 tftitex li tinċentiva lill-partijiet interessati fil-livelli kollha biex jiffissaw miri ambizzjużi u biex jieħdu azzjoni bil-għan li jagħtu ċ-ċans lis-soċjetajiet tagħna jlaħħqu mat-tixji demografiku billi jsaħħu l-kontribut li l-anzjani jagħtu lis-soċjetà u billi jtejbju l-indipendenza tagħhom.

Din hija inizzjattiva f'waqtha, minħabba li l-koorti kbar imwiela lejn l-aħħar tal-erbgħinijiet u fil-ħamsinijiet issa qegħdin jilħqu l-età tal-irtirar. Għalhekk, bħalissa fl-UE qiegħed iseħħ tibdil demografiku b'konsegwenzi kbar soċjali, ekonomiċi, baġitarji u politiċi.

Nistgħu ninnotaw żewġ xejriet partikolari. L-ewwelnett, il-popolazzjoni totali tal-età tax-xogħol (dawk ta' bejn il-15 u l-64 sena) mistennija tonqos b'20.8 miljun mill-2005 sal-2030 hekk kif il-koorti tal-"baby-boom" jirtiraw. Dan għandu implikazzjonijiet tremendi għall-ġejjieni tal-impjeggi u t-tkabbir fl-UE, kif ukoll għas-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa u l-ħarsien soċjali, li qegħdin jiffaċċjaw diskrepanza dejjem tikber bejn il-ħtiġijiet tal-infiq pubbliku u d-dħul mit-taxxi u mill-kontribuzzjonijiet.

It-tieni, l-għadd ta' anzjani qiegħed jiżdied b'mod rapidu. L-għadd ta' nies li għandhom aktar minn 80 sena mistenni jiżdied b'57.1 % bejn l-2010 u l-2030⁽¹⁾. Dan ifisser li se jkollna 12.6 miljun ruħ aktar ta' l fuq minn 80 sena fl-Ewropa, b'implikazzjonijiet sinifikanti għas-servizzi tal-kura u s-saħħa.

It-tibdil demografiku jista' jiġi indirizzat b'suċċess permezz ta' approċċ pożittiv li jiffoka fuq il-potenzjal tal-gruppi ta' età akbar. Il-kunċett tat-tixji attiv huwa fil-qalba ta' dan ir-rispons pożittiv għat-tibdil demografiku, li huwa essenzjali sabiex tiġi ppriservata s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet. It-tixji attiv primarjament ifisser tliet affarijiet:

1. Li n-nisa u l-irġiel ikunu jistgħu jibqgħu jaħdmu għal aktar żmien — billi jingħelbu l-ostakoli strutturali (inkluż nuqqas ta' appoġġ għal dawk li jipprovdu kura informali) u jiġu offruti inċentivi xierqa, ħafna anzjani jistgħu jiġu megħjuna biex jibqgħu attivi fis-suq tax-xogħol, b'benefiċċji sistemiċi u individwali.
2. Li tiġi ffaċilitata ċ-ċittadinanza attiva permezz tal-iffaċilitar ta' ambjenti li jisfruttaw bl-aħjar mod il-kontribut li jistgħu jipprovdu n-nisa u l-irġiel anzjani lis-soċjetà.
3. Li n-nisa u l-irġiel ikunu jistgħu jibqgħu f'saħħithom u jgħixu b'mod indipendenti meta jixxjeh, grazzi għal approċċ fejn jiġu kkunsidrati l-istadji kollha tal-ħajja għat-tixji b'saħħtu, ikkombinat ma' ambjenti lokali u ta' akkomodazzjoni xierqa li jippermettu lill-anzjani jibqgħu jgħixu fi djarhom għal kemm jista' jkun possibbli.

L-Ewropa tista' tilħaq l-isfidi tat-tibdil demografiku biss permezz tat-tixji attiv; il-prosperità u l-koeżjoni soċjali futuri tagħna jiddependu fuqu.

L-Istrateġija Ewropa 2020 għandha l-għan li toħloq tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv b'livelli għoljin ta' impjeggi, produttività u koeżjoni soċjali. Hija stabbilixxiet ħames miri

speċifiċi sabiex jintlaħqu mill-UE sal-2020, inkluża rata ta' impjeggi ta' 75 % għal dawk kollha ta' bejn l-20 u l-64 sena u mill-inqas 20 miljun ruħ inqas fil-faqar u l-esklużjoni soċjali jew f'riskju tagħhom⁽²⁾.

It-tixji attiv huwa parti essenzjali mill-istrateġija Ewropa 2020, li s-suċċess tagħha jiddependi ħafna fuq li l-anzjani jingħataw iċ-ċans li jikkontribwixxu b'mod sħiħ fis-suq tax-xogħol u barra minnu. L-anzjani għandhom jingħataw is-setgħa li jibqgħu attivi bħala ħaddiema, konsumaturi, persuni li jipprovdu l-kura, voluntiera u ċittadini.

Stħarriġ tal-Eurobarometer dwar it-Tixji Attiv

Skont stħarriġ tal-Eurobarometer 2012, il-maġġoranza tal-Ewropej (60 %) jirrifjutaw il-ħtieġa għal etajiet ta' rtirar ogħla. Ir-rifjut huwa l-aktar qawwi fir-Rumanija (87 %), fil-Latvja (86 %) u fis-Slovakkja (83 %). Huwa biss fid-Danimarka (58 %), fil-Pajjiżi I-Baxxi (55 %), fl-Irlanda (53 %), fir-Renju Unit (51 %) u fl-Awstrija (49 %) li l-maġġoranza ta' dawk li wiegħbu fl-istħarriġ jaqblu fuq il-ħtieġa li l-età tal-irtirar uffiċjali togħla.

Madankollu, dan ir-rifjut ma jfissirx li l-Ewropej mhumiex lesti jew ma jridux jikkunsidraw li jibqgħu jaħdmu għal aktar żmien. Madwar 61 % jappoġġaw l-idea li n-nies għandhom jitħallew ikomplu jaħdmu ladarba jkun laħqu l-età tal-irtirar uffiċjali, filwaqt li 53 % ma jaqblux mal-idea tal-età għall-irtirar obbligatorju.

It-tixji attiv huwa l-bażi għas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet — mira tal-UE inkorporata fl-Artikolu 3 tat-Trattat ta' Lisbona. Dan ifisser li l-anzjani jistgħu jieħdu kontroll ta' ħajjithom u jikkontribwixxu għas-soċjetà — u jippermetti li jkun jista' jsir ferm aktar għal dawk l-anzjani li jiddependu l-aktar fuq l-appoġġ tal-oħrajn.

Is-Sena Ewropea għat-Tixji Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet 2012 għandha l-għan li toħloq momentum ġdid sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti, inklużi l-miri ekonomiċi u soċjali usa', billi żżid l-għarfien dwar dawn il-kwistjonijiet kruċjali, billi tbiddel l-attitudnijiet u billi tinvolvi l-livelli kollha tas-soċjetà fi sforz sabiex jiġu offruti opportunitajiet aħjar lill-anzjani sabiex jibqgħu attivi u jipparteċipaw bħala membri sħaħ tas-soċjetà flimkien mal-ġenerazzjonijiet iżgħar fl-età.

Il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tittama li din is-Sena tipproduċi azzjonijiet ġodda u impenji ġodda min-naħa tal-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex jippromwovu t-tixji attiv u b'hekk isaħħu s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet. Kull wieħed minn dawn il-partieċipanti

⁽¹⁾ Xenarju bażi tal-Eurostat.

⁽²⁾ Miri oħrajn ikopru l-Edukazzjoni, it-Tibdil fil-Klima u l-Enerġija, kif ukoll l-infiq fuq ir-Riċerka u l-Iżvilupp. http://ec.europa.eu/europe2020/reaching-the-goals/targets/index_mnt.htm

għandu jagħti kontribut speċifiku u għandu jara din is-Sena bħala okkażjoni sabiex jiġi analizzat x'jistax' jsir aktar b'riżq il-promozzjoni tat-tixjiħ attiv.

Dan huwa minnu wkoll għall-UE, li għandha biss kompetenza limitata f'ħafna oqsma ewlenin tal-aġenda tat-tixjiħ attiv, iżda madankollu tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti sabiex tappoġġa l-azzjonijiet meħuda fl-Istati Membri. Dan il-fuljett jistabbilixxi x'qiegħda tagħmel l-UE sabiex tinkoraġġixxi t-tixjiħ attiv. Huwa jippreżenta l-istrumenti li jistgħu jappoġġaw politika ta' tixjiħ attiv:

- Il-leġiżlazzjoni Ewropea;
- Il-finanzjament tal-UE permezz tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni;
- L-inizjattivi Ewropej ta' riċerka u innovazzjoni;
- Bosta strateġiji, programmi, proċessi u inizjattivi fil-livell tal-UE mfasslin biex jiffaċilitaw it-tagħlim reċiproku bejn l-Istati Membri u r-reġjuni.

Il-fuljett ikopri l-miżuri eżistenti fil-livell tal-UE, iżda jħares ukoll lejn miżuri oħrajn li għadhom qiegħdin jiġu diskussi, bħal-leġiżlazzjoni li qiegħda titthejja u l-proposti għal programmi ta' finanzjament fiċ-ċiklu baġitarju ġdid 2014–20.

1. It-tixjiġ attiv u l-miri u l-valuri fundamentali tal-UE

L-impenn tal-UE għall-aġenda tat-tixjiġ attiv huwa bbażat fuq il-valuri ewlenin tagħha, kif definit fit-Trattati. **It-Trattat ta' Lisbona** 2009 ikkonferma li "L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem ⁽³⁾ ... Hija għandha tiġġieled l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u għandha tippromwovi l-ġustizzja soċjali u l-protezzjoni, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel [u] s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet." ⁽⁴⁾

L-aktar manifestazzjoni b'saħħitha u espliċita ta' dawn il-valuri tista' tinstab fil-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE**, li hija legalment vinkolanti għall-azzjonijiet meħuda minn kwalunkwe korp tal-UE u tapplika wkoll għall-Istati Membri meta jkunu qegħdin jimplimentaw il-liġi tal-UE. Il-kapitolu dwar l-ugwaljanza fil-Karta jinkludi żewġ artikoli (ara l-kaxxa) li juru b'mod ċar ir-rabtiet li jeżistu mal-aġenda tat-tixjiġ attiv.

Il-Karta tinkludi wkoll drittijiet addizzjonali li huma rilevanti għall-oġġettivi tat-tixjiġ attiv f'oqsma bħall-ugwaljanza bejn is-sessi, is-sigurtà soċjali, il-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni.

L-UE ffirmit il-**Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità**, li tkopri l-awtonomija individwali, in-nuqqas ta' diskriminazzjoni, il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva fis-soċjetà, l-ugwaljanza fl-opportunitajiet u l-aċċessibilità. Dawn huma l-kwistjonijiet ewlenin tat-tixjiġ attiv għal ħafna nies li żviluppaw kundizzjoni ta' diżabilità.

Barra minn hekk, l-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jimpenja lill-UE biex taderixxi mal-**Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali** (tal-Kunsill tal-Ewropa), li b'mod partikolari tistabbilixxi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-Kummissjoni Ewropea ħolqot il-**Portal tal-Ġustizzja Elettronika** sabiex tgħin lin-nies jifhmu d-drittijiet mogħtija minn dawn l-istrumenti u kif dawn jistgħu jiġu infurzati.

It-tixjiġ attiv fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE

Artikolu 21(i) — In-nuqqas ta' diskriminazzjoni

Għandha tiġi pprojbta kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe bażi [— inklużi d-diżabilità u l-età —].

Artikolu 25 — Id-drittijiet tal-anzjani

L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-drittijiet tal-anzjani li jgħixu ħajja ta' dinjità u li jipparteċipaw fil-ħajja soċjali u kulturali.

⁽³⁾ Verżjoni kkonsolidata tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea: Artikolu 2.

⁽⁴⁾ Ibid. l-Artikolu 3.



2. Leġiżlazzjoni tal-UE li tappoġġa t-tixjiħ attiv

Filwaqt li l-aktar oqsma rilevanti għat-tixjiħ attiv jibqgħu responsabbiltà primarja tal-Istati Membri, hemm bosta oqsma ewlenin fejn il-leġiżlazzjoni tal-UE tikkontribwixxi għall-aġenda globali tat-tixjiħ attiv. Liġijiet bħal dawn jistgħu jiġu adottati biss fuq kwistjonijiet fejn it-Trattati jagħtu lill-UE s-setgħa li taġixxi.

Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni

Direttiva hija att leġiżlattiv tal-UE li jitlob lill-Istati Membri biex jadottaw dispożizzjonijiet legali li jiksibu ċertu riżultat, mingħajr ma jippreskrivu l-forma u l-mezzi eżatti tal-implimentazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-valuri ewlenin tal-UE kif definiti fit-Trattati tinvolvi l-indirizzar tad-diskriminazzjoni fuq numru ta' bażijiet differenti, inklużi l-età u d-diżabilità. Id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età thedded l-abbiltà tal-individwi li jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà b'mod usa'. Id-diskriminazzjoni ddgħajjef ukoll l-isforzi tas-soċjetà li tilħaq il-miri tal-impjiegi u tindirizza l-isfidi tat-tibdil demografiku.

L-indirizzar tad-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-età fis-suq tax-xogħol huwa essenzjali sabiex tintlaħaq il-mira tat-tixjiħ attiv fix-xogħol. Filwaqt li l-ħaddiema akbar fl-età qegħdin jintalbu u jiġu mħeġġa jibqgħu jaħdmu għal aktar żmien, huwa essenzjali li jkun hemm opportunitajiet ta' xogħol disponibbli għalihom. Id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età tillimita b'mod inġust il-firxa ta' opportunitajiet li huma disponibbli għall-ħaddiema akbar fl-età.

Fis-sena 2000, l-UE adottat id-**Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE** li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tar-reliġjon jew tat-twemmin, tad-diżabilità, tal-età jew tal-orjentazzjoni sesswali fir-rigward tal-impjiegi u x-xogħol. Hija titlob lill-Istati Membri biex jagħmlu illegali t-trattament inugwali tan-nies, inkluż fuq il-bażi tal-età u tad-diżabilità, fl-oqsma tal-impjiegi, tax-xogħol jew tal-attivitatijiet ta' xogħol indipendenti, inklużi l-kundizzjonijiet tar-reklutaġġ, il-promozzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sħubija tal-organizzazzjonijiet.

Id-direttiva titlob lill-Istati Membri biex jimplimentaw leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni diretta u indiretta, kif ukoll il-fastidju u l-vittimizazzjoni abbażi tal-età. Id-differenzi fit-trattament abbażi tal-età huma permessi biss fejn dawn ikunu ġġustifikati b'mod oġġettiv minn għan leġittimu tas-suq tax-xogħol, u jekk il-mezzi sabiex jintlaħaq dak l-għan humiex xierqa u neċessarji.

L-Istati Membri kollha ttrasponew dan il-prinċipju ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni fil-liġi nazzjonali tagħhom. Il-Kummissjoni Ewropea mmonitorjat dan il-proċess, filwaqt li, kull fejn kien meħtieġ, nediet proċeduri ta' ksur kontra dawk l-Istati Membri li ma implimentawx il-prinċipji tad-direttiva b'mod sodisfaċenti.

Fid-dawl tas-Sena Ewropea 2012, l-Equinet, in-Netwerk Ewropew tal-Korpi ta' Ugwaljanza, f'Settembru 2011, ippubblika rapport dwar **L-Indirizzar tax-Xjuħija u d-Diskriminazzjoni** bbażat fuq sħarriġ tal-ħidma tal-korpi ta' ugwaljanza fuq il-bażi tal-età.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ECJ) sostniet li l-prinċipju tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-età huwa prinċipju ġenerali tal-liġi tal-UE, billi jikkostitwixxi applikazzjoni speċifika tal-prinċipju ġenerali tat-trattament ugwali ⁽⁵⁾. Għal studju dettaljat dwar l-interpretazzjonijiet tal-ECJ ta' kwistjonijiet ewlenin bħall-età tal-irtirar u tar-reklutaġġ, ara l-Evoluzzjoni tal-Każistika tal-ECJ dwar id-Diskriminazzjoni Abbażi tal-Età, Robin Allen QC ⁽⁶⁾.

Il-leġiżlazzjoni proposta

Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-aċċess għall-prodotti u s-servizzi

Il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għal direttiva li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-età (fost bażijiet oħrajn) fl-aċċess għall-prodotti u s-servizzi, il-protezzjoni soċjali u l-edukazzjoni.

Din id-direttiva se tikkompleta l-qafas leġiżlattiv tal-UE dwar it-trattament ugwali fuq il-bażi tal-età. Għadhom qegħdin isiru n-negożjati dwarha fil-Kunsill.

L-aċċessibilità

Il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tesplora l-iżvilupp ta' Att Ewropew ġdid dwar l-Aċċessibilità bil-għan li ttejjeb l-aċċessibilità tal-prodotti u s-servizzi lill-konsumaturi.

L-att se jiffoka fuq il-konsumaturi potenzjalment vulnerabbli, bħall-persuni b'diżabilità u l-anzjani. Fi Frar 2012, ingħalqet konsultazzjoni pubblika.

Legiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija wieħed mill-valuri komuni li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, u l-promozzjoni tagħha hija elenkata fit-Trattati bħala wieħed mill-kompiti tal-Unjoni. L-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jgħid li "L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għandha tiġi żgurata fl-oqsma kollha, inkluż fl-impjeg, fix-xogħol u fil-paga."

L-UE adottat bosta **direttivi speċifiċi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi** li jikkontribwixxu għall-ilfuq tal-oġġettivi tat-tixjiħ attiv. Huma jagħmlu dan billi jindirizzaw oqsma ewlenin tal-inugwaljanza bejn is-sessi li jillimitaw l-aċċess għax-xogħol u għall-opportunitajiet ta' taħlim tul il-ħajja. Dawn l-inugwaljanzi jirriżultaw fi dħul aktar baxx mill-irtirar u f'riskji ogħla ta' faqar għan-nisa meta jixjieħu.

Legiżlazzjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi ta' rilevanza partikolari għat-tixjiħ attiv huma d-direttivi dwar:

- L-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-opportunitajiet

⁽⁵⁾ Ara l-Kawżi tal-ECJ: C-144/04 Mangold (2005); u C-555/07 Seda Küçükdeveci (2010).

⁽⁶⁾ <http://www.cloisters.com/news-pdf-downloads/robin-allen-qc-evolution-of-ecj-case-law-march-2011.pdf>

ugwali u tat-trattament ugwali tal-irġiel u tan-nisa fi kwistjonijiet tal-impjeg u x-xogħol (2006/54/KE). Din id-direttiva fformulata mill-ġdid tinkorpora d-direttivi li kienu applikabbli qabel dwar:

- Il-Pagi Indaqs (75/117/KEE);
- It-Trattament Ugwali fir-rigward tal-Aċċess għax-Xogħol, it-Taħriġ Vokazzjonali u l-Promozzjoni, u l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (76/207/KEE emendata mid-Direttiva 2002/73/KE);
- L-Iskemi Okkupazzjonali tas-Sigurtà Soċjali (86/378/KEE emendata mid-Direttiva 96/97/KEE).
- L-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet tas-sigurtà soċjali (79/7/KEE).
- L-applikazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa involuti f'attività fil-kapaċità ta' persuna li taħdem għal rasha (2010/41/UE). Minn Awwissu 2012, din id-direttiva tirrevoka d-direttiva preċedenti (86/613/KEE).
- L-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' prodotti u servizzi (2004/113/KE).

Dawn id-direttivi huma kkomplimentati minn azzjoni mhux leġiżlattiva fil-kuntest tal-istrateġija tal-UE għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010–15 (p. 16) u b'finanzjament ipprovdut taħt il-programm tal-UE għall-impjegi u s-solidarjetà, Progress (p. 17).

Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol

Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huma essenzjali għall-prevenzjoni ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard relatat max-xogħol. L-iżguraw tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema matul il-karriera tax-xogħol tagħhom, huwa prekundizzjoni għal ħajja tax-xogħol sostenibbli u għal xjuħija attiva u b'saħħitha wara l-irtirar. Jiffirmaw parti importanti mill-miżuri komprensivi li jippermettu u jħeġġu lin-nies biex ikomplu jaħdmu għal aktar żmien u b'hekk jappoġġaw is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjoni.

L-UE adottat serje ta' direttivi dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol li jstabbilixxu rekwiżiti ġenerali dwar il-prevenzjoni u l-protezzjoni ta' riskji okkupazzjonali fuq il-post tax-xogħol. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tirrispetta dawn id-direttivi u li dawn jiġu implimentati b'mod effettiv.

Il-Kummissjoni Ewropea tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri permezz ta' kampanji Ewropej u inizjattivi ta' tqajjim ta' kuxjenza fil-kuntest ta' strateġija multiannwali dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (2007–12) li qiegħda tiġi evalwata bħalissa. **L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)** hija parteċipanta ewlenija f'din l-istrateġija.

Is-sigurtà soċjali u l-moviment ħieles

It-tixjiħ attiv jesiġi wkoll li ċ-ċittadini tal-UE għandhom ikunu jistgħu jgawdu mid-drittijiet tagħhom tal-ħarsien soċjali kull fejn ikunu fl-UE. L-UE qablet dwar miżuri li jservu biex iħarsu l-aċċess tal-persuni li huma, jew li kienu, ġeografikament mobbli, għas-sistemi tas-sigurtà soċjali u tal-ħarsien soċjali li jippermettu lill-anzjani jipparteċipaw fis-soċjetà u jgħixu b'mod indipendenti.

Id-djalogo soċjali u t-tixjiħ attiv

Il-Kummissjoni Ewropea trawwem “djalogo soċjali” bipartitiku bejn l-organizzazzjonijiet tan-negozju u t-trejdunjins, kif ukoll il-parteċipazzjoni fi djalogo tripartitiku. Dan wassal għal **ftehimiet ta' qafas**, li wħud minnhom saru parti mil-leġiżlazzjoni Ewropea. Dawn jistgħu jkunu rilevanti ħafna għat-tixjiħ attiv fis-suq tax-xogħol, pereżempju fuq:

- il-liv tal-ġenituri
- il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema temporanji
- it-telexogħol
- ix-xogħol part-time
- ix-xogħol b'terminu fiss

Id-djalogo dwar l-estensjoni tal-liv tal-ġenituri għall-liv tal-persuni dipendenti (il-provvista ta' kura għal kwalunkwe membru familjari dipendenti), kif ukoll dwar l-estensjoni tal-miri u d-dispożizzjonijiet tal-kura tas-saħħa ilu għaddej sabiex ikunu jkopru s-servizzi ta' kura għall-persuni kollha dipendenti.

Regolament Ewropew dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali (883/2004) jiżgura li ċ-ċittadini jistgħu jakkumulaw intitolamenti tas-sigurtà soċjali anki li kieku kienu koperti minn ġurisdiżjonijiet differenti matul il-karriera tagħhom, u li huma jkunu jistgħu jgawdu mill-pensjonijiet statutorji u l-ħarsien soċjali tagħhom fi kwalunkwe post fl-UE.

L-akkumulazzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni okkupazzjonali (it-tieni pilastru) ta' persuni li jaqsmu l-fruntieri, għadha mhijiex protetta b'mod simili mil-leġiżlazzjoni tal-UE. **Id-Direttiva 98/49/KE tad-29 ta' Ġunju 1998** tiżgura li l-persuni li jaqsmu l-fruntieri jkunu jistgħu jirċievu d-drittijiet għall-pensjoni okkupazzjonali tagħhom fi kwalunkwe post fl-UE u li dawn ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn persuni li jbiddu l-impjegi f'pajjiżhom stess, iżda **l-leġiżlazzjoni maħsuba biex tiżgura li l-ħaddiema mobbli jkunu jistgħu jiksbu drittijiet akkwiziżiti għall-pensjoni u li dawn jiġu ppriservati** wara li ħaddiem ikun ħalla skema ta' pensjoni okkupazzjonali għadha pendenti.

Id-drittijiet għal pensjoni okkupazzjonali, mhux biss tal-ħaddiema li jaqsmu l-fruntieri, huma protetti wkoll minn żewġ direttivi Ewropej. Waħda minnhom tkopri lill-istituzzjonijiet għal dispożizzjoni dwar l-irtirar okkupazzjonali (2003/41/KE) u ttiprovdi għas-sorveljanza transkonfinali u r-regoli għas-sistemi tal-pensjoni okkupazzjonali fis-suq intern. Id-direttiva l-oħra tikkonċerna l-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom (2008/94/KE) u titlob lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri sabiex jipproteġu d-drittijiet tal-pensjoni okkupazzjonali.

L-aċċess għall-kura tas-saħħa huwa partikolarment importanti għall-anzjani. Ir-regolament dwar il-koordinazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet dwar is-sigurtà soċjali (883/2004) jipprovdi aċċess ugwali għall-assigurazzjoni tas-saħħa statutorja u sistemi ta' kura tas-saħħa għal persuni li jaqsmu l-fruntieri. Barra minn hekk, id-Direttiva dwar id-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali (2011/24/UE) tħares id-dritt tal-pazjenti għall-informazzjoni kollha li jeħtieġu dwar meta jirċievu l-kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor tal-UE.

3. Kif il-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni Ewropej jappoġġaw it-tixjiĥ attiv

Proporzjon kbir mill-baġit tal-UE jintuża sabiex jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex joħloq l-impjiegi, jippromwov u i-żvilupp ekonomiku u jiksbu l-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali madwar l-Unjoni. It-tixjiĥ attiv u b'saħħtu huwa element ċentrali sabiex jintlaħqu dawn il-miri globali u għalhekk huwa viżibbli b'mod prominenti fil-programmi u l-proġetti ta' finanzjament.

Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE)

B'baġit ta' EUR 75 biljun għall-perjodu ta' pprogrammar 2007–13, il-FSE jippromwovi aktar impjiegi u impjiegi aħjar billi jiffinanzja inizjattivi li jgħinu lin-nies itejbu l-ħiliet u l-prospetti tax-xogħol tagħhom madwar l-Ewropa, iżda b'mod partikolari fil-pajjiżi l-inqas prosperi. Il-Kummissjoni Ewropea taqbel fuq il-prijoritajiet tal-finanzjament iżda mhijiex involuta direttament fl-għażla tal-proġetti, li huma ġestiti permezz tal-awtoritajiet ta' tmexxija tal-FSE f'kull pajjiż.

Il-FSE huwa sors ewlieni ta' innovazzjoni, esperimentazzjoni u progress Ewropej fil-promozzjoni tat-tixjiĥ attiv fl-impjiegi. Huwa diġà ntuża sabiex jiffinanzja inizjattivi minn firxa wiesgħa ta' korpi biex iħarrġu (mill-ġdid) lil ħaddiema anzjani, jadattaw lill-intrapriżi għall-impjeg tal-ħaddiema anzjani u jiggjieldu d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-età fis-suq tax-xogħol u fuq il-post tax-xogħol.

Il-FSE ffinanzja proġetti lokali u reġjonali li jittestjaw metodi ġodda u kreattivi li jippermettu u jiffaċilitaw it-tixjiĥ attiv fl-impjiegi, kif ukoll ħoloq netwerks transnazzjonali li jippromwovu l-iskambju tal-ideat u l-politiki tajbin li ġew żviluppati.

F'Ottubru 2011, il-Kummissjoni pproponiet regoli għall-politika ta' koeżjoni futura, li tinkludi l-FSE. Il-proposta tippredvi żieda globali ta' finanzjament mill-FSE għal EUR 84 biljun għall-perjodu ta' pprogrammar 2014–20. Il-promozzjoni tat-tixjiĥ attiv u b'saħħtu hija waħda mill-prijoritajiet ta' investment propost tal-FSE fil-perjodu l-ġdid.

Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)

Il-FEŻR għandu baġit ta' EUR 201 biljun fil-perjodu ta' pprogrammar attwali 2007–2013 sabiex jappoġġa inizjattivi maħsuba biex jippromwovu l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ġenerali tar-reġjuni tal-Ewropa, inaqqsu d-disparitajiet reġjonali billi jgħinu b'mod partikolari lill-aktar reġjuni żvantaġġati u jtejb u l-aċċess ugwali għas-servizzi pubbliċi. Il-FEŻR qiegħed jikkontribwixxi fondi sinifikanti għall-iżvilupp ta' infrastruttura u servizzi tas-saħħa u soċjali bil-għan li jiġu pprovduti reazzjonijiet reġjonali u nazzjonali għal uħud mill-isfidi tat-tixjiĥ tas-soċjetà, inklużi trasformazzjonijiet tas-sistemi soċjali u tal-kura tas-saħħa.

Network li jippromwovi rwol aktar effettiv tal-FSE fil-promozzjoni tat-tixjiĥ attiv

In-Network ESF-AGE ta' awtoritajiet pubbliċi minn 14-il Stat Membru u reġjuni tal-UE. Billi jaqsmu u jiġbru għarfien u prattika tajba, huma jiddefinixxu, jivvalidaw u jxerrdu linji gwida u għodod oħrajn biex jappoġġaw lil dawk li jfasslu l-politika u partijiet interessati oħrajn fit-tħejjija, fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' ġestjoni tal-età fil-perjodu ta' pprogrammar ġdid.

Fil-kuntest tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea, il-proġetti li jindirizzaw il-kwistjonijiet ta' tixjiĥ attiv u b'saħħtu huma appoġġati taħt is-sub-programm Interreg IV-C u l-programm URBACT.

Tnejn mis-sub-programmi — iffinanzjati b'mod konġunt mill-FEŻR u mill-Istati Membri parteċipanti — jipprovdu appoġġ partikolari lill-inizjattivi tal-iżvilupp reġjonali li jistgħu jikkontribwixxu għall-oġettiv tat-tixjiĥ attiv u b'saħħtu.

Il-Proġett Interreg IV dwar it-tixjiĥ fil-bliet: Q-ageing (tixjiĥ ta' kwalità f'ambjent urban) kien kooperazzjoni bejn disat ibliet u organizzazzjonijiet sabiex jaqsmu informazzjoni u ideat dwar it-titjib tas-servizzi pubbliċi u tal-ambjent urban sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet emerġenti ta' popolazzjoni li qiegħda tixjieħ.

Is-sub-programm **Interreg IVC** iffinanzja inizjattivi li jippromwovu l-intraprendituri anzjani, l-innovazzjoni tan-negozju bejn il-ġenerazzjonijiet, it-teknoloġiji tal-kura tas-saħħa, l-għajxien indipendenti u bliet għal kull età. Dawn il-proġetti kienu parti minn approċċ globali li jappoġġa l-iskambju ta' prattika tajba, ideat ġodda u l-ippjanar strateġiku bejn ir-reġjuni sabiex jinħoloq tfassil ta' politika aħjar għall-impjiegi u t-ktabbir.

Is-sub-programm **Urbact II** iffinanzja netwerks ta' bliet biex jesploraw is-soluzzjonijiet għall-isfidi urbani ekonomiċi, ambjentali u soċjali ewlenin, partikolarment il-popolazzjonijiet li qegħdin jixjieħu. Huwa ffinanzja netwerks li jħarsu lejn kwistjonijiet bħall-indirizzar tal-ostakoli għall-impjeg ta' ħaddiema anzjani fil-bliet u kwistjonijiet ta' aċċessibilità u sigurtà fil-bliet, kif ukoll strateġiji effettivi fil-promozzjoni tal-potenzjal pożittiv tal-ġenerazzjoni żagħżuġha.

Il-Programm tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku, permezz tal-investimenti mill-FEŻR, qiegħed isaħħaħ l-iżvilupp lejn approċċ sostenibbli, kompetittiv u b'integrazzjoni territorjali tul il-fruntieri. It-tixjiĥ huwa wieħed mis-suġġetti li dan il-programm qiegħed ifittex li jindirizza.

Proġett ta' Urbact II għat-tagħlim reċiproku

ActiveAge kien proġett ta' kooperazzjoni interreġjonali maħsub biex jippromwovi b'mod attiv it-tagħlim reċiproku bejn disat ibliet Ewropej sabiex jiżviluppaw metodoloġiji komuni, jidentifikaw prattiċi tajbin u jtejbju l-kapaċità tal-bliet li jiffaċċjaw it-tibdil demografiku. Huwa ħares lejn kwistjonijiet ewlenin bħal: "l-età u l-ekonomija" (billi ħares b'mod partikolari lejn il-kundizzjonijiet għal ħajja tax-xogħol itwal); "l-età u l-kura"; kif ukoll "l-età u l-inklużjoni" b'azzjonijiet li jindirizzaw iċ-ċittadinanza attiva u aċċess għal akkomodazzjoni adegwata.

Il-Kummissjoni qiegħda tippromwovi fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali għas-snin 2014–20 li jiġu allokati EUR 376 biljun għal inqas fuq strumenti tal-politika ta' koeżjoni. Skont din il-proposta, il-FEŻR ikollu sa EUR 183 biljun mill-fondi strutturali usa'. Il-prijoritajiet tal-investiment jirriflettu b'mod wiesa', u għandhom jgħinu jimplimentaw il-miri u l-inizjattivi ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020, billi jagħmluhom rilevanti ħafna wkoll għall-miri tat-tixjiġ attiv madwar l-impjeggi, il-parteċipazzjoni fis-soċjetà u l-għajxien indipendenti u f'saħħta.

Kooperazzjoni fuq it-tixjiġ fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku: "Best Agers"

L-inizjattiva **Best Agers** tiffoka fuq persuni li għandhom 55 sena u aktar. L-għan tagħha huwa li tippromwovi l-innovazzjoni bejn il-ġenerazzjonijiet u li twassal sabiex il-"best agers" jaħdmu flimkien ma' persuni aktar żgħażaġh fl-oqsma tal-iżvilupp tal-ħiliet u n-negozju, jiġġeneraw ideat ġodda, u jaqsmu l-esperjenzi u l-għarfien tagħhom.

Il-Fond ta' Koeżjoni

Il-Fond ta' Koeżjoni huwa l-istrument finanzjarju tal-UE sabiex jintlaħaq l-għan ta' konverġenza bejn l-inqas u l-aktar Stati Membri żviluppati fl-UE. Huwa għandu l-għan li jnaqqas id-diskrepanzi ekonomiċi u soċjali u li jstabilizza l-ekonomiji tal-Istati Membri. Il-baġit ta' EUR 69.6 biljun għas-snin 2007–13 jintefaq biss fl-Istati Membri aktar foqra li d-dħul nazzjonali gross (DNG) tagħhom għal kull abitant huwa inqas minn 90% tal-medja tal-Komunità.

Il-fond jappoġġa, b'mod partikolari, lill-proġetti ta' infrastruttura tat-trasport u l-ambjent f'dawn il-pajjiżi. Billi jiżviluppa sistemi ta' trasport aċċessibbli, il-Fond jista' jikkontribwixxi għat-tixjiġ attiv. Barra minn hekk, ir-riforma tas-settur pubbliku fil-kura tas-saħħa u soċjali, b'attenzjoni speċjali fuq it-tixjiġ, ġiet identifikata bħala objettiv prinċipali tal-politika ta' koeżjoni wara l-2013.

Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

B'baġit ta' EUR 96 biljun għall-perjodu ta' pprogrammar 2007–13, il-FAEŻR huwa l-istrument finanzjarju tal-UE biex jappoġġa l-iżvilupp rurali. Huwa jappoġġa attivitajiet maħsuba biex itejbu l-kompetittività tas-settur tal-agrikoltura u tal-forestrija, id-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali, il-kundizzjonijiet ambjentali u l-attrazzjoni tal-kampanja u l-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali.

L-indirizzar tal-iżolament tal-anzjani fiż-żoni rurali

Village Meeting Point huwa proġett iffinanzjat mill-FEŻR. Huwa ħoloq post fejn jiltaqgħu anzjani li qabel kienu iżolati fil-villaġġ Daniż ta' Idestrup. Il-proġett kien jinkludi taħriġ u faċilitajiet tal-IT, ċentru tal-fitness, kafetterija u ħanut żgħir, li jiffaċilitaw bil-kbir it-tixjiġ attiv fil-komunità.

Il-FAEŻR jiffinanzja b'mod partikolari dawk il-proġetti li jappoġġaw l-iżvilupp tas-servizzi soċjali u tal-infrastruttura soċjali għall-benefiċċju tal-komunitajiet li qegħdin jixxjeħu fiż-żoni rurali. Ħafna żoni rurali huma partikolarment affettwati mit-tibdil demografiku hekk kif iż-żgħażaġh jitolqu biex ifittxu opportunitajiet ta' xogħol u edukazzjoni fi bnaði oħrajn u jħallu warajhom popolazzjoni li qiegħda tixxjeħ b'mod rapidu.

Il-firxa wiesgħa ta' attivitajiet maħsuba biex jippromwovu t-tixjiġ attiv li huma eliġibbli għall-appoġġ permezz tal-FAEŻR jinkludu l-promozzjoni tal-għarfien u l-potenzjal uman permezz ta' taħriġ vokazzjonali u servizzi ta' konsulenza, id-diversifikazzjoni f'attivitajiet mhux agrikoli u l-promozzjoni ta' servizzi lokali fiż-żoni rurali (7).

Il-programmi ta' żvilupp rurali jappoġġaw ukoll proġetti li huma bbażati fuq l-"approċċ Leader". Dan l-approċċ joffri lill-isħubiji lokali l-possibbiltà li jiddisinjaw proġetti li jindirizzaw problemi lokali speċifiċi ħafna — relatati pereżempju mal-komunitajiet li qegħdin jixxjeħu, in-nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol u servizzi pubbliċi inadegwati għall-anzjani.

Il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-FAEŻR għall-perjodu ta' pprogrammar 2014–20 (COM(2011) 627) tipprevedi azzjonijiet possibbli għall-komunitajiet li qegħdin jixxjeħu fiż-żoni rurali, bħat-trasferiment tal-għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni, servizzi ta' konsulenza, servizzi bażiċi u t-tiġdid tal-villaġġi, l-iżvilupp tal-irziezet u tan-negozji u t-twaqqif u l-appoġġ ta' strateġiji speċifiċi ta' żvilupp lokali li jindirizzaw it-tixjiġ attiv fiż-żoni rurali skont l-"approċċ Leader".

(7) Id-Database tal-Proġetti tal-RDP turi kif il-FEŻR qiegħed jintuża fil-prattika: http://enrd.ec.europa.eu/policy-in-action/rdp_view/en/view_projects_en.cfm

4. Ir-riċerka u l-innovazzjoni

L-UE għandha rwol ewlieni sabiex tappoġġa u tikkoordina r-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż fil-qasam tat-tixjiġi attiv u b'saħħtu. L-istrument ta' finanzjament ewlieni tagħha huwa s-seba' programm kwadru, iżda l-iffinanzjar għar-riċerka u l-innovazzjoni jista' jiġi mmobilizzat ukoll minn sorsi oħrajn. Minbarra dan, L-UE tista' tippromwovi sħubiji li jistgħu jiżviluppaw sinerġiji grazzi għall-għbir tar-riżorsi u koordinazzjoni aħjar tal-isforzi tar-riċerka.

Is-seba' programm kwadru għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (FP7)

L-FP7 għandu baġit totali ta' EUR 50.5 biljun għall-perjodu 2007–13 u jikkofinanzja r-riċerka transnazzjonali, l-iżviluppi teknoloġiċi u proġetti ta' dimostrazzjoni li jipprovdu twegġibiet għall-isfidi tal-Ewropa fl-ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien.

Il-programm jipprovdi l-qafas globali għall-inizjattivi kollha ta' riċerka tal-UE, inklużi dawk li huma mmirati biex jipprovdu reazzjonijiet għat-tibdil demografiku. Permezz tal-għadd numeruż ta' taqsimiet ta' riċerka tiegħu⁽⁸⁾, il-programm iffinanzja proġetti li jkopru firxa impressjonanti ta' dixxiplini, temi u għodod relatati mat-tixjiġi attiv u b'saħħtu, inklużi:

- riċerka fundamentali dwar it-tixjiġi, li tanalizza l-mekkaniżmi tat-tixjiġi u tal-għomor twil;
- innovazzjoni teknoloġika li tappoġġa l-għajxien indipendenti taċ-ċittadini akbar fl-età;
- l-inklużjoni elettronika u s-saħħa elettronika;
- trasport pubbliku aktar aċċessibbli;
- soluzzjonijiet ta' ICT għal haġja tax-xogħol itwal;
- riċerka dwar trattamenti ġodda mmirati għal mard li huwa aktar komuni fil-popolazzjonijiet ta' anzjani;
- is-saħħa pubblika u x-xjenzi soċjali.

Il-proġetti ffinanzjati mill-UE huma ddokumentati fuq is-sit elettroniku ta' **CORDIS**, is-Servizz Komunitarju ta' Informazzjoni dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp.

Multilinks (FP7 — Kooperazzjoni — ix-xjenzi soċjo-ekonomiċi)

Multilinks esplora r-realtàjiet tat-tibdil demografiku, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet, il-benesseri u l-integrazzjoni soċjali bil-għan li jipprovdi l-bażi għal tfassil ta' politika aħjar sabiex jiġu evitati r-riskji tal-esklużjoni soċjali għall-etajiet kollha.

Skont il-proposta tal-Kummissjoni, il-Programm Kwadru tal-UE li jmiss għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, **Horizon 2020**, se jkollu baġit ta' EUR 80 biljun għall-perjodu 2014–20 u se jiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-**Unjoni ta' Innovazzjoni**, inizjattiva

prominenti tal-aġenda Ewropa 2020. Dan il-programm għandu l-għan li jbidel ideat innovattivi f'avvanzi sabiex jiġu indirizzati l-isfidi prinċipali tas-soċjetà, bħat-tixjiġi attiv, u jinkisbu vantaġġi kompetittivi għall-promozzjoni tal-impjegi u t-tkabbir. Huwa se jkun akkumpanjat minn sett ta' miżuri maħsuba biex ikomplu jiżviluppaw iż-**Żona Ewropea tar-Riċerka**. Huwa previst li jitħejjew pjanijiet direzzjonali biex jipprovdu strateġiji globali għar-riċerka dwar it-tixjiġi.

Politika ta' Koeżjoni li tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni

Il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE għandha enfasi qawwija fuq l-innovazzjoni, li hija rekwiżit tal-linji gwida strateġiċi tal-Komunità dwar il-politika ta' koeżjoni għall-perjodu ta' pprogrammar 2007–13. Il-linji gwida jenfasizzaw li sabiex jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli u tissaħħaħ il-kompetittività, huwa essenzjali li r-riżorsi jiġu kkonċentrati fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni (RTDI), l-intraprenditorjat, l-ICT u t-taħriġ u l-adattabilità tal-ħaddiema.

Il-miżuri relatati mal-innovazzjoni huma inklużi fil-maġġoranza tal-455 programm operattiv b'investiment previst ta' EUR 86 biljun (li madwar EUR 7 biljun minnhom ġejjin mill-FEŻR u EUR 14 biljun mill-FSE). Il-politika ta' koeżjoni, bis-sistema tagħha ta' disinn u twassil li tinkludi l-governanza fuq diversi livelli, tinsab f'pożizzjoni unika sabiex twassal approċċ sistemiku għall-innovazzjoni li jinkludi lir-reġjuni kollha.

Il-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP)

B'baġit ta' EUR 3,621 miljun fil-perjodu 2007–13, is-CIP jappoġġa l-attivitajiet ta' innovazzjoni — inklużi l-eko-innovazzjoni u l-użu aħjar tal-ICT, partikolarment fl-SMEs li ta' spiss jissieltu biex jiksbu aċċess għall-finanzi għal attivitajiet bħal dawn.

Is-CIP appoġġa lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fl-iżvilupp ta' attivitajiet innovattivi li jwieġbu għall-isfidi u l-oportunitajiet tat-tibdil demografiku u jipprovdu soluzzjonijiet għat-tixjiġi attiv.

Is-CIP għandu tliet sub-programmi, li kull wieħed minnhom jista' jkun direttament rilevanti għall-oġettivi tat-tixjiġi attiv u b'saħħtu:

1. Il-Programm għall-Intraprenditorjat u l-Innovazzjoni (EIP) jista' jiffinanzja l-prattiċi innovattivi għall-impjegar ta' ħaddiema akbar fl-età jew it-twassil ta' prodotti innovattivi lil konsumaturi akbar fl-età.
2. Il-Programm ta' Appoġġ għall-Politika tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT-PSP) jistimola użu usa' ta' servizzi innovattivi bbażati fuq l-ICT, inkluż l-ICT għas-saħħa, it-tixjiġi u l-inklużjoni.
3. Il-Programm Enerġija Intelliġenti — Ewropa (IEE) jista' jindirizza kwistjonijiet ta' mobilità ekoloġika li jstgħu wkoll inaqqsu l-ostakoli għat-tixjiġi attiv.

⁽⁸⁾ Ara "Għarfien tas-Seba' Programm Kwadru" (http://ec.europa.eu/research/fp7/index_en.cfm?pg=understanding).

Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi Programm ġdid għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs (COSME) għall-perjodu 2014–20 b'baġit ta' EUR 2.5 biljun. Dan il-programm se jinkludi biss il-parti kompetittiva tas-CIP. Il-parti innovattiva tas-CIP se tiġi ttrasferita għall-programm Horizon 2020.

InCasa (ICT-PSP)

InCasa żviluppa sistema bbażata fuq l-ICT li tintegra l-monitoraġġ tas-saħħa u l-ambjent b'enfasi fuq l-utent, u netwerk ta' servizzi speċjalizzati sabiex jiproteġu lil anzjani dgħajfa u jtaqlu ż-żmien li dawn ikunu jistgħu jgħixu tajjeb fi djarhom stess.

AENEAS (IEE)

Aeneas immira li jsir proġett Ewropew ta' referenza għall-Kisba ta' Mobilità Effiċjenti fl-Użu tal-Enerġija f'Soċjetà li Qiegħda Tixjieħ. Huwa ppromwova l-progress min-naħa tal-provvista u d-domanda sabiex tiġi mħeġġa l-mobilità urbana tal-anzjani.

Ipprogrammar konġunt fir-riċerka

L-ipprogrammar konġunt, permezz ta' sħubiji ta' riċerka pubbliċi-pubbliċi u pubbliċi-privati, qiegħed isir mezz dejjem aktar importanti għall-indirizzar tal-isfidi tat-tibdil demografiku fl-Ewropa. Approċċi volontarji bħal dawn għandhom l-għan li jevitaw id-duplikazzjoni bejn l-isforzi tar-riċerka fil-livelli nazzjonali f'pajjiżi differenti u bejn it-tipi differenti ta' istituzzjonijiet tar-riċerka.

Il-Programm Konġunt ta' Għajxien Megħjun Kontestwalment (AAL) għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-anzjani. Huwa jiffinanzja proġetti li jużaw prodotti intelliġenti u l-provvista ta' servizzi remoti, inklużi servizzi ta' kura sabiex tittejjeb il-ħajja tal-anzjani fid-dar, fuq il-post tax-xogħol u fis-soċjetà b'mod ġenerali. Huwa għandu baġit totali ta' madwar EUR 700 miljun għall-perjodu 2008–13, derivat bejn wieħed u ieħor 50/50 minn korpi pubbliċi (nazzjonali u tal-UE) u privati.

ALIAS (Programm Konġunt tal-AAL)

ALIAS żviluppa sistema ta' robots mobbli li tinteraġġixxi ma' utenti anzjani u tipprovdni assistenza fil-ħajja ta' kuljum billi tippromwovi t-tixjijih b'saħħtu u l-għajxien indipendenti.

L-UE u l-Istati Membri nedew ukoll żewġt **Inizjattivi ta' Programmar Konġunt** (JPIs) speċifiċi mmirati biex jiffaċilitaw il-ksib ta' tixjijih attiv u b'saħħtu. Il-JPIs għandhom l-għan li jiżguraw koordinazzjoni u kollaborazzjoni aħjar bejn il-programmi ta' riċerka nazzjonali u Ewropej, inklużi l-possibbiltà li jiġu mnedija inizjattivi konġunti.

Il-JPI **Aktar Snin, Ħajjiet Aħjar** għandha l-għan li tindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet speċifiċi tat-tibdil demografiku billi tiżviluppa għarfien multi-dixxiplinarju ġdid bħala l-bażi għar-riċerka, l-innovazzjoni u t-fassil tal-politika fil-ġejjieni.

Il-JPI **Riċerka dwar il-Mard Newrodeġenerattiv** għandha l-għan li fl-aħħar mill-aħħar tinstab kura għall-mard newrodeġenerattiv — b'mod partikolari l-Alzheimer's. Hija tfttex li tikkollabora sabiex ittejjeb l-għarfien dwar il-marda u tiżviluppa għodod li jiffaċilitaw l-identifikazzjoni bikrija u l-kura, inklużi strutturi li jassistu lill-pazjenti u lill-familji tagħhom.

Ġie pprovdut ukoll finanzjament addizzjonali għar-riċerka dwar l-Alzheimer's permezz tal-**Inizjattiva dwar Mediċini Innovattivi** (IMI), sħubija pubblika-privata ta' EUR 2 biljun bejn il-Kummissjoni Ewropea (FP7) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Industriji u l-Assoċjazzjonijiet Farmaċewtiċi (EFPIA) bil-għan li jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' għodod u metodoloġiji għal mediċini aktar siguri u effikaċi.

PharmaCog (IMI)

PharmaCog hija sħubija pan-Ewropea ta' esperti — li normalment ikunu qegħdin jikkompetu — li jaħdmu flimkien biex jagħtu medikazzjoni ta' kwalità għolja għall-Alzheimer's.

Is-Sħubija tal-Innovazzjoni Ewropea għat-Tixjijih Attiv u b'Saħħtu

Inizjattiva ġdida u ambizzjuża biex issaħħa ir-riċerka u l-innovazzjoni għat-tixjijih attiv u b'saħħtu hija s-**Sħubija pilota tal-Innovazzjoni Ewropea għat-Tixjijih Attiv u b'Saħħtu**. Hija għamlet mira li żżid il-medja tal-għomor b'saħħtu b'sentejn sal-2020. Dan jimplika rebħa tripla: titjib tal-istat tas-saħħa u tal-kwalità tal-ħajja tal-anzjani, titjib tas-sostenibbiltà tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u soċjali, u l-ħolqien ta' impjegi u opportunitajiet ġodda ta' negozju madwar prodotti innovattivi.

L-approċċ tagħha huwa li tiffaċilita l-involvement tal-partijiet kollha interessati sabiex jegħlbu l-ostakoli għat-twassil tal-innovazzjoni Prattika fl-oqsma ta':

1. il-prevenzjoni, l-iskrinjar u d-dijanjożi bikrija;
2. l-attenzjoni u l-kura;
3. l-għajxien attiv u indipendenti tal-anzjani.

F'termini prattiċi, is-Sħubija se tfttex li tiġbor flimkien ir-riżorsi u l-kompetenzi fil-qasam, timla n-nuqqas ta' għarfien, tħaffef il-proċess tal-innovazzjoni u tiffaċilita ż-żieda u l-multiplikazzjoni ta' prodotti u servizzi ġodda. Hija se tagħmel dan b'mod partikolari billi tissorvelja l-ottimizzazzjoni, l-allinjament, il-koordinazzjoni u l-effikaċja tal-għodod finanzjarji eżistenti tal-UE.

Għall-aħħar tal-2011, intlaħaq qbil fuq **Pjan ta' Implimentazzjoni Strateġika** tas-Sħubija tal-Innovazzjoni Ewropea għat-Tixjijih Attiv u b'Saħħtu minn Grupp ta' Tmexxija tal-partijiet interessati. Huwa jipprevedi l-ewwel sett ta' azzjonijiet speċifiċi tas-Sħubija, li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet pubbliċi, min-negozji u mis-soċjetà ċivili minn issa sal-2020. Huma jinkludu:

1. it-tiftix ta' metodi innovattivi sabiex jiġi żgurati lill-pazjenti jsegwu l-preskrizzjonijiet li jingħataw;
2. it-tiftix ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-prevenzjoni ta' waqgħat u l-appoġġ għal dijanjożi bikrija għall-anzjani;
3. il-promozzjoni ta' kooperazzjoni li tgħin fil-prevenzjoni ta' nuqqas funzjonali u fraġilità, b'enfasi partikolari fuq in-nuqqas ta' ikel sustanzjuż;

4. il-promozzjoni ta' mudelli integrati ta' kura b'suċċess għal mard kroniku fost pazjenti akbar fl-età, b'hal permezz ta' monitoraġġ remot;
5. it-titjib tal-użu ta' soluzzjonijiet interoperabbli ta' għajxien indipendenti bbażati fuq l-ICT permezz ta' standards globali;
6. il-promozzjoni tal-innovazzjoni għal bini, bliet u ambjenti aċċessibbli u faċli biex jintużaw mill-anzjani.

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar it-Teħid 'il Quddiem tal-Pjan ta' Implimentazzjoni Strateġika tħares lejn l-appoġġ tal-UE għal dawn l-azzjonijiet permezz tal-iżgurar ta' qafas regolatorju u ta' finanzjament adegwat, u l-fohqien ta' suq Ewropew għall-evidenza u l-ideat innovattivi.

5. L-appoġ tal-UE lil dawk li jfasslu l-politika fil-livell nazzjonali: strateġiji kkoordinati u taġlim reċiproku

Nifhmu t-tibdil demografiku

Fil-qalba tal-promozzjoni tat-tixjiħ attiv u l-kisba tal-miri tal-aġenda Ewropa 2020, hemm għarfien tajjeb tal-bidliet demografiki bla preċedenti li qiegħda tiffaċċja s-soċjetà moderna. L-UE ħadet rwol attiv sabiex tħeġġeġ lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-partijiet interessati jiżviluppaw l-għarfien taġhom tal-isfidi u s-soluzzjonijiet potenzjali għall-użu tal-potenzjal sħiħ ta' popolazzjoni li qiegħda tixjieħ.

Il-Forum Ewropew dwar id-Demografija jlaqqa' flimkien, kull sentejn sa mill-2006, lil dawk li jfasslu l-politika, lill-partijiet interessati u lill-esperti Ewropej ewlenin sabiex flimkien jiddiskutu kif jistgħu jindirizzaw it-tibdil demografiku. Il-Kummissjoni Ewropea tippubblika **rapport Ewropew ta' sostenn dwar id-demografija** li jstabbilixxi l-fatti u l-figuri ewlenin li jikkonċernaw it-tibdil demografiku u li jiddiskutu r-reazzjonijiet politiki xierqa.

Fl-2007, il-Kummissjoni Ewropea waqqfet **Grupp ta' Esperti dwar Kwistjonijiet Demografiki**, magħmul minn rappreżentanti mill-Istati Membri kollha. Dan il-grupp għandu l-karigu li jikkonsulta mal-Kummissjoni, partikolarment fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-linji gwida politiki stabbiliti fid-dokument ta' politika 2006 tal-Kummissjoni (ara l-kaxxa). Il-Kummissjoni torganizza **seminars u workshops regolari ta' Prattika Tajba** dwar kwistjonijiet demografiki li jispiraw il-ħidma tal-grupp.

L-iżvilupp ta' aġenda ta' riċerka għall-benesseri fil-familji

Fil-kuntest tal-EAF, il-proġett **FAMILYPLATFORM** kien iffinanzjat għal perjodu ta' 18-il xahar (minn Ottubru 2009 sa Marzu 2011) mis-seba' programm kwadru tal-Unjoni Ewropea sabiex tiġi analizzata r-riċerka eżistenti u tiġi definita aġenda ta' riċerka mmirata biex iżżid il-benesseri tal-familji madwar l-Ewropa.

L-Alleanza Ewropea favur il-Familji (EAF) laqqgħet flimkien lir-rappreżentanti tal-UE u tal-gvernijiet sabiex jiskambjaw l-ideat, l-għarfien u l-esperjenzi taġhom mill-2007. Hija tiffoka fuq il-promozzjoni ta' aktar politiki favur il-familja li jippermettu lin-nies — partikolarment lin-nisa — jilhqqu bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja familjari taġhom fid-dawl tat-tibdil demografiku, b'mod partikolari ir-responsabbiltajiet ta' kura dejjem jiżdiedu.

Fid-dawl tas-Sena Ewropea, l-Eurostat ippubblika sett komprensiv ta' dejta dwar **It-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet: Analiżi statistika tal-Unjoni Ewropea 2012**, bi statistika li tkopri d-demografija, is-suq tax-xogħol, it-tranżizzjoni mix-xogħol għall-irtirar, il-benesseri u l-kura tas-saħħa, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-parteciżzjoni fis-soċjetà. **Stħarriġ tal-Eurobarometer dwar it-tixjiħ attiv**, li wkoll ġie ppubblikat f'Janar 2012, jagħti idea tal-attitudnijiet Ewropej lejn kwistjonijiet bħat-tixjiħ, l-etajiet tal-irtirar,

ix-xogħol volontarju, il-kura tal-anzjani u t-teknoloġija għall-anzjani, li jżvelaw xi differenzi kulturali interessanti.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar **Il-Futur Demografiku tal-Ewropa — minn sfida għal opportunità** (COM(2006) 571) tistabbilixxi r-reazzjonijiet politiki għat-tibdil demografiku, inkluż rikonċiljazzjoni aħjar tal-ħajja tax-xogħol u tal-ħajja familjari, ħajjiet tax-xogħol itwal ta' kwalità aħjar, produttività miżjuda, integrazzjoni aħjar tal-immigranti u finanzi pubbliċi sostenibbli li jiggarantixxu sistemi adegwati ta' ħarsien soċjali fit-tul.

L-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjieg

Il-promozzjoni tat-tixjiħ attiv fl-impjieg hija kemm parti essenzjali mill-aġenda ta' tixjiħ attiv kif ukoll element prinċipali għall-ilħuq tal-miri ekonomiċi u soċjali tal-Ewropa għall-ġejjieni. Huwa essenzjali li jinstabu mezzji sabiex jingħelbu l-ostrakoli strutturali u fl-imġiba li jipprevjenu lill-ħaddiema akbar fl-età milli jibqgħu attivi fis-suq tax-xogħol.

Il-politiki dwar l-impjieg huma kompetenza tal-Istati Membri. Madankollu, l-UE tista' tassumi rwol sabiex tilħaq l-oġettivi tal-impjieg kondiviżi b'mod reċiproku. Il-Kummissjoni Ewropea taħdem biex tissorvelja u tiffaċilita t-taġlim reċiproku bejn l-Istati Membri fuq il-promozzjoni ta' aktar impjieg u impjieg aħjar fl-UE. **L-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjieg** tipprovdi qafas⁽⁹⁾ għall-pajjiżi tal-UE biex jaqsmu l-esperjenzi, it-taġlim u l-ideat taġhom fil-politika dwar l-impjieg b'analiżi ġenerali u rakkomandazzjonijiet ipprovduti mill-Kummissjoni.

L-istrateġija Ewropa 2020 għamlet mira ta' rata ta' impjieg fl-UE ta' 75% għan-nisa u l-irġiel ta' bejn 20 u 64 sena sal-2020. Sabiex tilħaq din ir-rata, il-Kummissjoni qiegħda tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jimplementaw politiki dwar it-tixjiħ attiv li jkollhom l-għan li jiskoraġġixxu l-użu tal-iskemi ta' rtirar bikri u li jiffavorixxu ż-żamma tal-impjieg u l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema anzjani.

Waħda mill-inizjattivi Ewropej prominenti tal-Ewropa 2020 hija **l-Aġenda għal Ħiliet u Impjieg Ġodda**. Din tenfasizza l-importanza tat-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema akbar fl-età li huma partikolarment vulnerabbli għar-ristruttur ekonomiku u l-importanza ta' politiki li jappoġġaw it-tranżizzjonijiet ta' ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari mill-qgħad lura għax-xogħol. Il-Programm ta' Taġlim Tul il-ħajja huwa rilevanti ħafna f'dan il-kuntest (p. 18).

⁽⁹⁾ Ara l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni: http://europa.eu/legislation_summaries/glossary/open_method_coordination_en.htm

F'April 2012, il-Kummissjoni adottat **pakkett ġdid dwar l-impjiegi** sabiex thegħeġ lill-Istati Membri jstimulaw id-domanda tax-xogħol, inaqqsu t-taxxi fuq ix-xogħol, jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet f'oqsma bl-akbar potenzjal ta' ħolqien tal-impjiegi fil-ġejjieni, bħall-ekonomija ekoloġika, is-servizzi tas-saħħa u l-ICT. Hija għamlet enfasi partikolari fuq it-tagħlim tul il-ħajja bħala çavetta għas-sigurtà fl-impjeg.

Eurofound: Aġenzija tripartitika tal-UE li tipprovdi kompetenza politika dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol u tal-Għajxien f'Dublin tipprovdi informazzjoni, pariri u kompetenza — dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien, ir-relazzjonijiet industrijali u l-ġestjoni tat-tibdil fl-Ewropa — lill-atturi ewlenin fil-qasam tal-politika soċjali tal-UE, inklużi l-gvernijiet, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-imsieħba soċjali. Hija żviluppat pakkett ta' riżorsi dwar it-tixjiħ attiv li jħares b'mod partikolari lejn x'jeħtieġ li jinbidel fuq il-post tax-xogħol sabiex il-ħaddiema akbar fl-età jinżammu fl-impjeg, kif ukoll lejn il-parteċipazzjoni ta' persuni ikbar mill-età tal-irtirar uffiċjali fid-dinja tax-xogħol.

Il-Metodu Miftuħ tal-Koordinazzjoni fl-Inklużjoni Soċjali u l-Ħarsien Soċjali

It-tixjiħ attiv fis-suq tax-xogħol, it-tixjiħ attiv fil-komunità u t-tixjiħ b'saħħtu huma kollha affettwati mis-sistemi ta' ħarsien soċjali u mill-kwistjonijiet li jikkonċernaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali. Is-sistemi tal-ħarsien soċjali u l-politiki dwar l-impjiegi għandhom jappoġġaw lil xulxin sabiex iħeġġu u jagħtu ç-çans lin-nies jibqgħu jaħdmu għal aktar żmien, filwaqt li l-iskemi tat-trasferiment soċjali kif ukoll is-servizzi soċjali u tas-saħħa jiżguraw li l-anzjani jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà u jgħixu b'mod indipendenti.

Bħal fil-każ tal-impjiegi, il-politiki dwar il-ħarsien soċjali u l-inklużjoni soċjali huma materja ta' responsabbiltà tal-Istati Membri. Madankollu, l-UE tagħmel kontribut importanti billi tappoġġa r-riformi permezz tad-definizzjoni ta' miri komuni u proċess ta' tagħlim reċiproku. Dan il-proċess huwa magħruf bħala l-Metodu Miftuħ tal-Koordinazzjoni fl-inklużjoni soċjali u l-ħarsien soċjali (OMC) ⁽¹⁰⁾. L-OMC ikopri l-pensjonijiet, il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, kif ukoll l-inklużjoni soċjali. Huwa jipprovdi lill-Istati Membri b':

1. objettivi komuni;
2. indikaturi kondiviżi sabiex jitkejjel is-suċċess;
3. qafas għar-rapportaġġ;
4. benchmarking għat-tqabbil tal-prestazzjoni u l-identifikazzjoni tal-aqwa Prattika.

Ir-rapportaġġ fil-kuntest tal-Kumitat għall-Ħarsien Soċjali jgħin sabiex jiġi vvalutat il-progress u jiġu identifikati l-isfidi ewlenin u l-prijoritajiet għall-ġejjieni. Is-seminars ta' revizzjoni bejn il-pari jipprovdu għat-tixrid u d-diskussjoni ta' Prattika tajba bejn l-Istati Membri.

Nagħmlu impatt deċiżiv fuq il-faqar u l-inklużjoni soċjali

Il-kisba tal-**mira tal-Ewropa 2020** li mill-inqas 20 miljun ruħ jintrefgħu mill-faqar u mill-esklużjoni soċjali tirrikjedi, f'ħafna pajjiżi, li tiġi analizzata wkoll is-sitwazzjoni tal-anzjani, b'mod partikolari tal-anzjani nisa.

L-OMC dwar l-Inklużjoni Soċjali u l-Ħarsien Soċjali jappoġġa lill-Istati Membri fil-promozzjoni tal-aċċess għal kulħadd għar-riżorsi, id-drittijiet u s-servizzi meħtieġa għall-parteċipazzjoni fis-soċjetà, il-ġlieda kontra l-esklużjoni u l-kawżi tagħha u l-iffaċilitar tal-aċċess għas-suq tax-xogħol.

Minbarra li tappoġġa t-tagħlim reċiproku u l-iskambju permezz tal-proċess OMC, il-Kummissjoni Ewropea waqqfet il-**Pjattaforma Ewropea Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali** bħala waħda mis-seba' inizjattivi prominenti tal-aġenda Ewropa 2020. Hija għandha l-għan li ssaħħa ix-xogħol fil-livelli kollha sabiex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-UE tat-tnaqqis tal-faqar. B'mod partikolari, hija tftitex li tippromwovi sħubiji ġodda u l-innovazzjoni soċjali, kif ukoll li tagħmel l-aħjar użu mill-fondi kollha tal-UE lejn l-objettivi tal-inklużjoni soċjali.

Il-Pjattaforma nħolqot bħala eżitu tas-**Sena Ewropea 2010 għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali**.

Prijorità tal-enfasi Ewropea fuq il-ġlieda kontra l-faqar hija li tingħeleb id-diskriminazzjoni u tiżdied l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà, tal-minoranzi etniċi, tal-immigranti u ta' gruppi vulnerabbli oħrajn. Dan huwa direttament rilevanti għas-sitwazzjoni tal-anzjani vulnerabbli. Il-Pjattaforma kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali tinkludi wkoll enfasi speċjali fuq ir-riskji soċjali tal-immigranti anzjani f'dan il-kuntest, inkluża kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet kulturali u lingwistiċi speċifiċi li jista' jkollhom u r-riskji partikolari tal-faqar u tal-iżolament li jiffaċċjaw.

Strateġija komprensiva għal pensjonijiet adegwati, sostenibbli u siguri

Is-sostenibbiltà futura tas-sistemi ta' pensjonijiet adegwati hija rekwiżit ewleni għat-tixjiħ attiv fid-deċenni li ġejjin. Ħafna anzjani ma għandhom ebda sors ieħor ta' introjtu għajr il-pensjoni tal-irtirar li jirċievu, u mingħajr dħul suffiċjenti, dawn in-nies jisfaw ristretti fl-abbiltà tagħhom li jieħdu sehem b'mod sħiħ fis-soċjetà.

L-UE għandha sett ta' qafas komuni għall-Istati Membri biex jikkondividu l-ideat, l-approċċi, l-għarfien u l-esperjenzi tagħhom fir-rigward tal-pensjonijiet. Dan il-proċess għandu l-għanijiet komuni li ġejjin:

1. Dħul adegwat mill-pensjoni tal-irtirar għal kulħadd fl-ispirtu tas-solidarjetà u l-ġustizzja bejn u fi ħdan il-ġenerazzjonijiet;
2. Sostenibbiltà finanzjarja tal-iskemi tal-pensjonijiet pubbliċi u privati, l-aktar bl-appoġġ għal ħajjiet tax-xogħol itwal u t-tixjiħ attiv;
3. Sistemi ta' pensjonijiet li jkunu trasparenti u adattati tajjeb għall-ħtiġijiet tal-individwi u tas-soċjetà b'mod ġenerali.

Ir-**Rapport Konġunt tal-2010 dwar il-Pensjonijiet** enfasizza li hemm bżonn ta' aktar riforma, partikolarment fir-rigward tal-kisba ta' tixjiħ attiv fl-impjiegi — b'mod partikolari għall-ħaddiema nisa anzjani. L-UE tiffaċilita l-isforzi tar-riforma nazzjonali, l-aktar permezz ta' revizzjonijiet tal-pari.

⁽¹⁰⁾ Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni: http://europa.eu/legislation_summaries/glossary/open_method_coordination_en.htm

Eżempji ta' Reviżjoni tal-Pari tal-Pensjonijiet

FI-2011, disa' pajjiżi tal-UE għamlu reviżjoni tal-pari tal-approċċ Olandiż għall-**Bilanċjar tas-sigurtà u l-affordabilità tal-iskemi tal-pensjonijiet iffinanzjati**.

FI-2011, għaxar pajjiżi tal-UE għamlu reviżjoni tal-pari tal-ħidma Ġermaniża fuq l-**Effetti ta' korsijiet tul il-ħajja fuq il-pensjonijiet tan-nisa**.

Fis-16 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni adottat **White Paper dwar il-Pensjonijiet** li tistabbilixxi kif l-UE u l-Istati Membri jistgħu jaħdmu l-aħjar sabiex jiżguraw dħul adegwat fl-irtirar, l-aktar permezz tat-tixjiħ attiv. Hija pproponiet miżuri li jippromwovu bilanċ aħjar bejn is-snin imqattgħin fix-xogħol u s-snin imqattgħin fl-irtirar u li jtejjbu l-oportunitajiet sabiex wieħed jagħmel tfaddil addizzjonali mid-dħul tal-irtirar.

Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-kura a tas-saħħa u tal-kura fit-tul

Is-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul għandhom rwol ewlieni sabiex jiffaċilitaw it-tixjiħ attiv u l-għajxien indipendenti. Madankollu, dawn is-sistemi qegħdin taħt pressjoni tremenda fi żmien ta' tixjiħ demografiku u baġits pubbliċi mġebbda.

L-organizzazzjoni ta' dawn is-sistemi taqa' fil-livell nazzjonali u ta' spiss reġjonali tat-tfassil tal-politika. Madankollu, proċess tal-UE qiegħed jappoġġa l-iskambju u t-tagħlim reciproke fl-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet sabiex jinkisbu:

1. Access — għal taħlita ta' servizzi fid-dar, fil-komunità u fl-istituzzjonijiet, inkluż permezz tal-affordabilità jew ta' kopertura tal-assigurazzjoni u ħinijiet ta' stennija iqsar;
2. Kwalità — inkluż permezz ta' koordinazzjoni aħjar bejn il-livelli tal-kura u l-prijorità fuq ir-rijabilitazzjoni u l-għajnuna lin-nies sabiex jibqgħu fi djarhom;
3. Sostenibbiltà — inkluż permezz ta' taħlita xierqa ta' finanzi pubbliċi u privati u koordinazzjoni aħjar bejn is-servizzi, kif ukoll il-promozzjoni tas-saħħa.

L-UE tiffaċilita l-proċessi ta' riforma fl-Istati Membri permezz ta' reviżjonijiet bejn il-pari u billi tiffinanzja proġetti li huma mmirati biex jagħtu aċċess aħjar għall-esperjenzi internazzjonali lil dawk li jfasslu l-politika fil-livell nazzjonali.

Eżempji ta' reviżjoni bejn il-pari tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul

FI-2011, seba' pajjiżi tal-UE għamlu reviżjoni bejn il-pari tal-approċċ Svediż għall-**Indirizzar tal-ħtiġijiet dejjem jikbru tal-kura u r-riżorsi limitati**.

FI-2009, tmien pajjiżi tal-UE għamlu reviżjoni bejn il-pari tal-ħidma Franċiża fuq l-**Alzheimer's u mard relatat ieħor: kif niffaċċjaw disturbi fl-imġiba fid-dar tal-pazjent**.

L-UE tappoġġa t-tixjiħ attiv u b'saħħtu wkoll billi tippromwovi kura ta' kwalità aħjar għall-anzjani dgħajfa, kemm fl-ambjenti istituzzjonali kif ukoll fid-dar. B'mod partikolari, hija ffokat fuq il-prevenzjoni tat-ttrattament ħażin tal-anzjani. **Rapport speċjali tal-Eurobarometer dwar is-saħħa u l-kura fit-tul** tal-2007 sab li 55% tal-Ewropej kienu jemmnu li ħafna anzjani dipendenti huma vittmi ta' trattament ħażin minn persuni li suppost qegħdin jieħdu ħsiebhom.

F'Marzu 2008, il-Kummissjoni Ewropea organizzat konferenza kbira dwar il-**Ħarsien tad-dinjità tal-anzjani — il-prevenzjoni tat-ttrattament ħażin u n-negliġenza tal-anzjani** sabiex tgħinha tiżviluppa għarfien aħjar tal-fenomeni u kif dan jista' jiġi indirizzat b'mod effettiv madwar l-Ewropa.

B'segwitu għal dan, il-Parlament Ewropew talab għal azzjoni pilota, li l-Kummissjoni Ewropea implimentat permezz ta' Sejħa għall-Proposti għal proġetti li jiffokaw fuq il-monitoraġġ tat-ttrattament ħażin tal-anzjani permezz ta' sistemi tas-saħħa pubblika u tal-kura fit-tul u l-identifikazzjoni ta' prattika tajba għall-prevenzjoni tiegħu.

Inizjattiva pilota kontra t-ttrattament ħażin tal-anzjani: tliet proġetti ffinanzjati mill-UE

EUROPEAN — Qafas ta' referenza Ewropew għall-prevenzjoni tat-ttrattament ħażin u n-negliġenza tal-anzjani <http://www.preventelderabuse.eu>

MILCEA — Monitoraġġ tat-ttrattament ħażin tal-anzjani madwar l-Unjoni Ewropea permezz ta' sistemi tas-saħħa pubblika u tal-kura fit-tul <http://www.milcea.eu>

WeDO — Sħubija Ewropea għall-Benesseri u d-Dinjità tal-Anzjani <http://www.wedo-partnership.eu>

Il-Kummissjoni ffinanzjat ukoll azzjoni msejja **ABUEL**, li tipprovi s'ħarriġ dwar il-prevalenza multinazzjonali tat-ttrattament ħażin tal-anzjani taħt il-Programm ta' Azzjoni tas-Saħħa Pubblika.

Il-**programm Daphne** tal-UE jiġġielew kontra kull forma ta' vjolenza fuq it-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa, u jipproteġi lill-vittmi u lill-gruppi f'riskju. Huwa għandu wkoll azzjonijiet iffinanzjati biex jindirizzaw it-ttrattament ħażin tal-anzjani. Dawn kienu jkopru metodi aħjar għall-kxif, il-monitoraġġ, l-indirizzar u l-prevenzjoni tat-ttrattament ħażin tal-anzjani, inkluż abbuż fiżiku u finanzjarju. Il-proġett **Eustacea** ta' Daphne ħoloq **Karta Ewropea ta' drittijiet u responsabbiltajiet tal-anzjani fil-bżonn ta' assistenza u kura fit-tul**.

Il-programm DAPHNE: l-indirizzar tat-ttrattament ħażin fil-familji

Breaking the Taboo 2 qiegħed jaħdem biex jagħti s-setgħa lill-professionisti tas-servizzi soċjali u tas-saħħa biex jiġġieldu l-vjolenza kontra nisa anzjani fil-familji tagħhom. Dan isegwi l-ewwel proġett li kien sar u li wassal għall-pubblikazzjoni tar-rapport **Breaking the Taboo** fl-2008.

Nikkontestaw id-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-età

Il-leġiżlazzjoni ppreżentata aktar 'il fuq mhijiex l-uniku mezz għall-indirizzar tad-diskriminazzjoni. Kontribuzzjoni ewlenija għal din il-ħidma fil-livell tal-UE kienet l-attivitajiet maħsuba biex iżidu l-fehim u l-għarfien tal-fenomenu tad-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-età — ta' spiss flimkien ma' forom oħrajn ta' diskriminazzjoni — u kif din tħalli impatt negattiv fuq l-individwi u s-soċjetà. Il-Kummissjoni:

- ilha mill-2003 tiffinanzja kampanja Ewropea **Ngħożżu d-Diversità, Diskriminazzjoni Qatt**, li tippubblika films, stampi u materjal bil-miktub sabiex tiġġieled l-isterjotipi u żżid l-għarfien dwar id-diskriminazzjoni u l-liġijiet kontrih;
- tappoġġa lill-**Gruppi ta' Esperti Kontra d-Diskriminazzjoni** li għandhom l-għan li jipprovdu analiżi u skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar kwistjonijiet soċjo-ekonomiċi, il-liġi, il-korpi ta' ugwajlanza u t-tmexxija tajba. Il-gruppi jivvalidaw il-prattika tajba u jipproduċu pubblikazzjonijiet, inklużi tnejn dwar id-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-età u l-impjegji;
- ikkummissjonat **Stħarriġ Speċjali tal-Eurobarometer dwar id-Diskriminazzjoni fl-UE** fl-2009 sabiex jinftiehem l-attitudnijiet tal-pubbliku għal dan il-fenomenu. Dan l-istħarriġ sab li l-età kienet meqjusa miċ-ċittadini bħala li kienet l-aktar żvantaġġ komuni meta jkunu qegħdin ifittxu x-xogħol.

Il-Kummissjoni għamlet espliċitu l-impenn tagħha li tiġġieled id-diskriminazzjoni fuq bażijiet differenti, inkluża l-età, f'Komunikazzjoni dwar **In-non-diskriminazzjoni u l-opportunitajiet indaqs: Impenn imġedded**. Il-Kummissjoni tippromwovi l-inkorporazzjoni sistematika tan-non-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-età fil-politiki kollha.

Il-Kummissjoni tiffinanzja wkoll **Pjattaforma ta' skambju fil-livell tal-UE fuq il-Karti dwar id-Diversità Nazzjonali** — bil-għan li tippromwovi dan l-approċċ li jħeġġeġ lin-negozzi sabiex volontarjament jissodisfaw l-impenji tad-diversità. Il-Pjattaforma hija magħmula minn organizzazzjonijiet li jippromwovu u jimplementaw il-karti dwar id-diversità nazzjonali u li jaħdmu biex ixerrdu kultura ta' ġestjoni tad-diversità b'suċċess, ibbażata fuq il-benefiċċji li ġġib magħha f'negozju forza tax-xogħol diversa, inklużi ħaddiema anzjani.

Opportunitajiet indaqs għal persuni b'diżabilità

Filwaqt li l-anzjanità mhijiex sinonima mad-diżabilità, ir-riskju li persuna jkollha indeboliment fiżiku jew mentali jiżded bil-kbir meta din tixjieħ. L-għoti ta' għajjnuna lil ħafna anzjani, li flimkien mal-ostakoli li jeżistu fl-ambjent huma affettwati minn xi forma ta' diżabilità, sabiex ikunu jistgħu jegħlbu dawn l-ostakoli, huwa mezz importanti għall-promozzjoni tat-tixjiħ attiv.

Il-politika dwar id-diżabilità tibqa' primarjament kompetenza tal-Istati Membri. Madankollu, l-UE qiegħda timmira li żżid il-valur fil-politiki tal-Istati Membri permezz tal-promozzjoni ta' Prattika tajba u tagħlim reċiproku, l-aktar minn proġetti innovattivi. Din tfttex li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-impenn tal-UE għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (p. 5).

L-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010–20 telabora l-azzjonijiet u l-istrumenti fil-livell tal-UE sabiex jingħelbu l-ostakoli għall-parteċipazzjoni fid-dinja tax-xogħol u fil-ħajja soċjali u ekonomika esperjenzata minn dawk li jgħixu b'diżabilità. L-istrateġija tkopri s-suġġetti li ġejjin:

1. L-Aċċessibilità — billi ssegwi approċċ "Imfassal għal Kulħadd" fl-iżvilupp tal-ambjent mibni, fit-trasport u fil-komunikazzjoni u l-informatika, inkluża d-definizzjoni tal-istandards Ewropej. (Ara t-taqsimu dwar l-Att previst ta' Aċċessibilità Ewropea p. 6)
2. Il-Parteċipazzjoni — inkluż fil-ħajja soċjali, kulturali u politika.
3. L-Ugwajlanza — id-Direttiva Ewropea dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-impjegji (p. 6) hija għodda ewlenija għall-indirizzar tad-diskriminazzjoni fuq il-bażi tad-diżabilità, li hija ostakolu għat-tixjiħ attiv fl-impjegji.
4. L-impjegji — l-istrateġija tappoġġa t-taħriġ fix-xogħol, l-edukazzjoni u l-proġetti li jiżviluppaw postijiet tax-xogħol aċċessibbli (p. 8, 18 u 19) kif ukoll il-leġiżlazzjoni dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni (p. 6).
5. L-Edukazzjoni u t-Tagħlim Tul il-ħajja — aċċess ugwali għall-opportunitajiet ta' edukazzjoni u tagħlim tul il-ħajja matul il-ħajja kollha tan-nies (p. 18).
6. Il-ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni — tappoġġa t-tagħlim reċiproku sabiex jiġu żgurati skemi adegwati fl-Istati Membri (p. 14-15).
7. Is-Saħħa — inkluż l-aċċess ugwali għal kura tas-saħħa ta' kwalità għolja (p. 15) u l-promozzjoni tar-rijabilitazzjoni u tal-kura preventiva, li huma kruċjali għat-tixjiħ b'saħħtu (p. 11-12). L-UE tippromwovi wkoll is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol bil-għan li tnaqqas l-inċidenti li jistgħu jwasslu għall-invalidità u d-dipendenza (p. 7).

Il-Jum Ewropew tal-Persuni b'Diżabilità — fit-3 ta' Diċembru — jappoġġa dawn l-għanijiet billi jlaqqa' flimkien lill-partijiet interessati u lill-atturi politiki rilevanti.

Strateġija għall-ugwajlanza bejn is-sessi

Il-Kummissjoni Ewropea adottat approċċ doppju bil-għan li tikseb l-ugwajlanza bejn is-sessi, billi adottat miżuri speċifiċi għall-ugwajlanza bejn is-sessi, inklużi leġiżlazzjoni u tqajjim ta' kuxjenza, u billi introduċiet **perspettiva ta' ugwajlanza bejn is-sessi** fl-oqsma politiki kollha tal-UE, l-aktar fil-qasam tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-aġenda tar-riforma tal-pensjonijiet.

L-inugwajlanzi u d-differenzi bejn is-sessi matul iċ-ċiklu tal-ħajja jirriżultaw fi dħul aktar baxx mill-pensjoni tal-irtirar u f'riskju ogħla ta' faqar għan-nisa meta jixjieħ. Barra minn hekk, in-nisa anzjani huma l-utenti u l-fornituri ewlenin tas-servizzi ta' kura. L-UE tfttex li tikkontribwixxi sabiex jiġi żgurat li l-anzjani nisa u rġiel ikunu jistgħu jibbenifikaw minn ħajja attiva, b'saħħitha u diċenti billi tindirizza dawn l-inugwajlanzi.

Il-Kummissjoni saħħet l-impenn tagħha għall-ugwajlanza bejn in-nisa u l-irġiel permezz tal-**Karta tan-Nisa** tal-2010 u **L-Istrateġija għall-ugwajlanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010–15**. Hija tfttex li tappoġġa l-progress tal-Istati Membri lejn l-ugwajlanza bejn is-sessi billi:

- tippubblika **rapporti annwali dwar l-ugwajlanza bejn in-nisa u l-irġiel**;
- tistabbilixxi **strutturi** fil-livell tal-UE, bħall-grupp ta' livell għoli dwar l-integrazzjoni tas-sessi u l-Kumitat konsultattiv

dwar l-Opportunitajiet Indaqg għan-Nisa u l-Irġiel biex jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-integrazzjoni tas-sessi u l-opportunitajiet indaqg għan-nisa u l-irġiel;

- toħloq **Netwerks ta' Esperti dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi**.

Fl-2011, il-Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Indaqg għan-Nisa u l-Irġiel adotta Opinjonijiet dwar **Id-dimensjoni tas-sessi tat-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet**.

Fl-2011, in-Netwerk ta' Esperti dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi ppubblika r-rapport: **Il-politiki dwar it-tixjiħ attiv u l-ugwaljanza bejn is-sessi: l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali tan-nisa u l-irġiel li jdumu jaħdmu u li jirtiraw kmieni**.

Il-kwistjonijiet dwar is-sessi ġew indirizzati fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni, fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u fil-konklużjonijiet tal-Kunsill li ffokaw fuq suġġetti bħall-**pagi indaqg, l-opportunitajiet indaqg għat-tixjiħ attiv u dinjituż u r-rwol tan-nisa f'soċjetà li qiegħda tixjeh**.

L-innovazzjoni soċjali

L-UE tippromwovi l-innovazzjoni soċjali bħala kunċett li qiegħed isir dejjem aktar importanti u bħala sors ta' soluzzjonijiet ġodda u kreattivi għall-isfidi soċjali u tas-soċjetà. Dan jinkludi l-bżonn li jinstabu metodi ġodda għall-promozzjoni tat-tixjiħ attiv. L-appoġġ jiġi pprovdut fil-forma ta' finanzjament inizjali għal inizjattivi ġodda, finanzjament għat-tkabbir ta' proġetti fuq skala żgħira li kisbu suċċess u inizjattivi għall-iskambju ta' prattika tajba u ideat innovattivi bejn il-fruntieri reġjonali u nazzjonali.

Il-Pjattaforma Ewropea prominenti kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali kienet tinkludi "Inizjattiva Ewropea dwar l-innovazzjoni soċjali" sabiex jiġi żvilupp appoġġ ibbażat fuq l-evidenza għar-riforma soċjali. L-inizjattiva tikseb aċċess għal għadd ta' fondi tal-UE eżistenti sabiex jiġu appoġġati dawn l-azzjonijiet, inkluż il-Fond Soċjali Ewropew (p. 8) u Progress (ara aktar 'l isfel). L-innovazzjoni soċjali hija wkoll element importanti tal-inizjattiva prominenti Unjoni tal-Innovazzjoni (p. 11).

Il-proposti adottati mill-Kummissjoni għar-regolamenti tal-FSE u tal-FEŻR għall-perjodu 2014–20 jinkludu l-innovazzjoni soċjali. Dan ifisser li l-Istati Membri u r-reġjuni jistgħu jagħżlu li jinvestu fl-innovazzjoni soċjali u jallokaw flus mill-fondi strutturali għal dak il-għan. Qabel is-sajf tal-2012, il-Kummissjoni se tippubblika gwida dwar l-innovazzjoni soċjali għar-reġjuni tal-UE.

Il-Programm tal-UE għall-impjiegi u s-solidarjetà soċjali (Progress)

B'baġit ta' EUR 743.25 miljun għall-perjodu 2007–13, il-programm Progress jiffinanzja attivitajiet li jinkludu studji, taħriġ politiku u legali, netwerking mal-NGOs, skambju transnazzjonali u kampanji ta' sensibilizzazzjoni. Huwa jikkontribwixxi għall-aġenda tat-tixjiħ attiv permezz ta' għadd numeruż ta' attivitajiet bħal:

- l-esplorazzjoni ta' politiki bbażati fuq l-evidenza għat-tranżizzjoni mix-xogħol għall-irtirar;
- in-netwerks ta' esperti dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, id-diversità u l-ugwaljanza bejn is-sessi;
- it-taħriġ tal-prattikanti politiċi u legali dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn is-sessi;
- studji dwar l-aċċessibilità fl-Ewropa u l-Premju Ewropew għall-Aċċessibilità;
- proġetti tal-innovazzjoni soċjali.

Progress jagħti wkoll vuċi lill-anzjani billi jikkofinanzja l-**Pjattaforma AGE tal-Ewropa**, li tlaqqa' flimkien assoċjazzjonijiet tal-anzjani minn madwar l-UE, kif ukoll netwerks simili dwar is-sessi, id-diżabilità, eċċ.

Għall-perjodu 2014–20, il-Kummissjoni pproponiet Programm suċċessur għat-Tibdil Soċjali u l-Innovazzjoni. Dan il-programm għandu jintegra l-programm Progress, is-Servizzi Ewropej tal-Impjiegi (EURES) u l-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Progress.

Il-prijoritajiet tas-saħħa pubblika, il-promozzjoni tal-attività fiżika u l-finanzjament

Id-definizzjoni tal-politiki tas-saħħa hija kompetenza tal-Istati Membri, iżda l-UE tista' tgħin billi tiżviluppa l-għarfien u l-fehim għall-indirizzar tal-kwistjonijiet tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni tal-mard u l-indirizzar tat-theddidiet għas-saħħa. Hija taħdem ukoll biex tiġbed l-attenzjoni għall-prijoritajiet ewlenin tas-saħħa pubblika b'konformità mal-għanijiet fit-tul tal-promozzjoni tat-tixjiħ attiv u b'saħħtu.

F'dan il-kuntest, l-**Istrateġija tas-Saħħa tal-UE 2008–13** għandha tliet għanijiet iddikjarati:

1. li trawwem saħħa tajba f'Ewropa li qiegħda tixjeh;
2. li tħares liċ-ċittadini mit-theddidiet għas-saħħa tagħhom;
3. li tappoġġa s-sistemi dinamiċi tas-saħħa u t-teknoloġiji ġodda.

Fl-2008, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ħeġġew lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiżviluppaw **strateġiji effettivi tas-saħħa pubblika għall-ġlieda kontra l-mard newrodeġenerattiv assoċjat mat-tixjiħ**, filwaqt li r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-2009 iffokaw fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati **s-sigurtà tal-pazjenti u l-prevenzjoni ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa**.

Il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat Komunikazzjonijiet dwar **Is-sistemi u s-servizzi tat-telemediċina u Inizjattiva Ewropea dwar il-marda ta' Alzheimer u dimenzji oħrajn** bil-għan li tippromwovi l-progress f'dawn l-oqsma ewlenin għat-tixjiħ attiv u b'saħħtu.

Fil-qasam tal-isport, l-UE qiegħda tiegħu rwol partikolari fil-promozzjoni tal-attività fiżika li ttejjeb is-saħħa, inkluż bħala mezz sabiex jinkiseb tixjiħ attiv u b'saħħtu. Hija pproduċiet **White Paper (2007)** u **Komunikazzjoni (2011)** dwar l-isport li jirrikonossu l-benefiċċji soċjali u ekonomiċi tal-attività fiżika. Grupp ta' Esperti dwar "L-Isport, is-Saħħa u l-Parteċipazzjoni", stabbilit mill-Kunsill, jaħdem fuq il-promozzjoni tal-attività fiżika. Huwa ppubblika **Linji Gwida speċifiċi tal-UE dwar l-Attività Fiżika** — inkluża taqsima speċifika dwar is-servizzi għall-anzjani. Bħalissa qiegħda titħejja inizjattiva politika ġdida

tal-UE dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida fil-livell nazzjonali. **Il-finanzjament għal proġetti transnazzjonali li jappoġġaw l-attività fiżika** u t-tixjiġ attiv kien disponibbli fl-2009 u għal darb'oħra fl-2012.

Il-Kummissjoni waqqfet ukoll kumitati tas-saħħa u gruppi ta' esperti sabiex itejbu l-iskambju u t-tagħlim fost il-partijiet interessati reġjonali, lokali u nazzjonali ewlenin dwar kwistjonijiet importanti tat-tixjiġ b'saħħtu, inklużi suġġetti bħat-**tipjip, l-obeżità, l-abbuż mill-alkoħol, il-kanċer** kif ukoll mekkaniżmi ta' kooperazzjoni fuq **in-nutrizzjoni u l-attività fiżika, l-HIV/AIDS, l-informazzjoni u s-sigurtà tas-saħħa**.

Programm tal-UE ddedikat għas-Saħħa pprovda EUR 321 miljun, għall-perjodu 2008–13, għal azzjonijiet li jippromwovu s-saħħa u li jnaqqsu l-inugwaljanzi fis-saħħa; bil-għan li jżiedu s-snin ta' ħajja b'saħħitha u jiġi promoss it-tixjiġ b'saħħtu — kif ukoll azzjonijiet fir-rigward ta' kwistjonijiet bħall-informazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà tal-pazjenti. Diversi programmi oħrajn ta' finanzjament tal-UE, b'mod partikolari r-riċerka (p. 10), għandhom ukoll dimensjoni tas-saħħa pubblika.

Il-KE pproponiet **Programm ġdid ta' Saħħa għat-Tkabbir 2014–20** orjentat lejn l-oġettivi tal-Ewropa 2020, b'mod partikolari fir-rigward tal-impjiegi, l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà. Huwa jipprevedi appoġġ speċifiku għas-Sħubija tal-Innovazzjoni Ewropea dwar it-Tixjiġ Attiv u b'Saħħtu (p. 11). Il-kapitolu dwar l-isport tal-proposta tal-Kummissjoni għall-programm il-ġdid tal-UE għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport, **Erasmus għal kulħadd 2014–20**, jagħmel enfasi fuq il-promozzjoni tal-attività fiżika li ttejjeb is-saħħa.

Il-promozzjoni tal-aċċessibilità u l-mobilità

It-trasport huwa waħda mill-aktar politiki komuni tal-UE. Huwa ffoka fuq l-iffaċilitar tal-moviment ħieles ta' individwi u oġġetti sabiex jiġi appoġġat is-suq intern. Madankollu, huwa eżamina wkoll kwistjonijiet ta' mobilità li jistgħu jkunu essenzjali sabiex jagħtu ċ-ċans lin-nies sabiex jibqgħu attivi fis-suq tax-xogħol u fil-komunità meta jixjieħu.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Mobilità Urbana (2009) jippromwovi t-twassil ta' soluzzjonijiet integrati tat-trasport li jiffokaw fuq iċ-ċittadini fil-kuntest tat-tixjiġ demografiku. Huwa jappoġġa l-aktar it-trasport urban aktar ekoloġiku, l-aċċessibilità, id-drittijiet tal-passiġġieri u s-sistemi tat-trasport intelliġenti. Il-KE tappoġġa l-proġetti innovattivi u l-iskambju tal-esperjenza u l-għarfien bejn l-Istati Membri u r-reġjuni permezz ta' bosta flussi ta' fondi, inklużi **l-kooperazzjoni tal-FP7 — it-trasport** (p.10), il-fondi għall-iżvilupp reġjonali (p. 8) u l-programm **Enerġija Intelliġenti Ewropa** (p. 10).

Sabiex tkompli tippromwovi l-ħsieb li tagħmel l-ambjent urban tal-Ewropa aċċessibbli għal kulħadd, il-Kummissjoni tappoġġa **l-Premju Ewropew għal Bliet Aċċessibbli**, li jirrikonoxxi u jiċċelebra lil dawk il-bliet li huma ddedikati biex jipprovdu ambjent aċċessibbli għal kulħadd, f'dak li għandu x'jaqsam mal-ambjent fiżiku, it-trasportazzjoni, it-teknoloġiji u s-sistemi tal-komunikazzjoni u l-informatika, flimkien ma' faċilitajiet u servizzi oħrajn.

It-tixjiġ attiv jirrikjedi wkoll l-aċċess għal prodotti u servizzi (ara l-leġiżlazzjoni li qiegħda titħejja, p. 6). **L-istrateġija tal-politika tal-konsumaturi tal-UE** (2007–13) tidentifika speċifikament it-tkabbir fl-għadd ta' konsumaturi anzjani

kemm bħala sfida kif ukoll bħala opportunità għall-fornituri tal-prodotti u s-servizzi. L-istrateġija hija appoġġata direttament minn **Programm ta' Azzjoni tal-Komunità dwar il-politika tal-konsumaturi**, li jiffinanzja attivitajiet maħsuba biex jipproteġu s-saħħa, is-sigurtà u l-interessi legali u ekonomiċi tal-konsumaturi. Din il-ħidma se tiġi ppreżentata f'Aġenda Ewropea ġdida dwar il-Konsumaturi u fi Programm ta' Azzjoni għall-Konsumaturi (2014–20) li se jinkludu enfasi ċara fuq il-konsumaturi anzjani.

It-tixjiġ attiv huwa appoġġat ukoll minn proġett innovattiv li jippromwovi t-turiżmu soċjali. Il-**Programm Calypso** jappoġġa t-turiżmu matul l-istaġun inqas popolari, li minnu jibbenefikaw kemm il-gruppi żvantaġġati, li inkella ma jkunux jistgħu jmorru għal btala, kif ukoll ir-reġjuni li jiddependu fuq it-turiżmu għall-impjiegi u t-tkabbir. Anzjani li huma rtirati mix-xogħol jew li għandhom aktar minn 65 sena huma grupp speċifiku fil-mira ta' din l-inizjattiva.

Il-promozzjoni tal-ICT għat-tixjiġ attiv

It-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni u l-Informatika (ICT) għandhom rwol dejjem aktar importanti fl-appoġġ għat-tixjiġ attiv. L-Internet u t-teknoloġiji ġodda ta' spiss jipprovdu aċċess faċli u kost-effikaċi għall-informazzjoni, prodotti u servizzi, interazzjoni soċjali u proċessi ċivili u demokratiċi. L-UE taħdem biex tiffaċilita l-iżvilupp prattiku ta' soluzzjonijiet tal-ICT realistiki li jiffaċilitaw it-tixjiġ attiv u b'saħħtu.

Fl-2007, il-Kummissjoni nediet Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar it-Tixjiġ u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni u l-Informatika, intitolat **Xjuħija Tajba fis-Soċjetà tal-Informazzjoni**. Dan kellu l-għan li jieħu vantaġġ mill-opportunitajiet għall-ħolqien ta' prodotti u servizzi tal-ICT ġodda u aktar aċċessibbli għall-anzjani. Dawn is-soluzzjonijiet jimmiraw kemm li jappoġġaw it-tixjiġ attiv u b'saħħtu fl-oqsma kollha tal-ħajja, kif ukoll li joħolqu opportunitajiet ta' xogħol li minnhom tista' tibbenifika l-ekonomija usa'.

Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Xjuħija Tajba jiffirma parti integrali mill-**Inizjattiva i2010 tal-UE dwar l-Inklużjoni elettronika**, li timmira li tiżgura l-progress mill-industrija tal-ICT u mill-korpi pubbliċi lejn l-aċċessibilità tal-prodotti u s-servizzi kollha tal-ICT għall-gruppi żvantaġġati. Din l-istrateġija tfaċċat wara Komunikazzjoni tal-2008 intitolata **Lejn soċjetà tal-informazzjoni aċċessibbli**, li pprovdi suġġerimenti għat-titjib tal-aċċessibilità elettronika u, b'mod partikolari, l-aċċess għall-Internet għal persuni b'diżabilità u għall-anzjani.

L-inizjattiva ambizzjuża tal-UE, **L-Aġenda Diġitali 2020**, li hija waħda mill-inizjattivi ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020, tfittex li tagħmel użu aħjar mill-potenzjal tal-ICTs bil-għan li trawwem l-innovazzjoni, it-tkabbir ekonomiku u l-progress. Hija tagħmel enfasi speċifika fuq il-karatteristiċi potenzjali offruti mill-użu tal-ICTs sabiex twieġeb għall-ħtiġijiet ta' popolazzjoni li qiegħda tixjieħ, permezz ta' **ħiliet u litteriżmu diġitali, is-saħħa elettronika u s-sistemi u s-servizzi tat-telemediċina**. Hija tinkludi azzjonijiet speċifiċi maħsuba biex itejbu l-aċċessibilità għall-anzjani u għall-persuni b'diżabilità, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-miri tat-tixjiġ attiv.

Dawn id-diversi pjanijiet ta' azzjoni relatati huma appoġġati wkoll minn bosta programmi Ewropej ta' finanzjament, b'mod partikolari: **FP7-ICT** (p. 10); **ICT-PSP** (p. 11); **AAL** (p. 11); **EIP** (p. 11); u s-sub-programmi tal-FEŻR (p. 9).

L-inkoraġġiment għat-tagħlim tul il-ħajja

Ir-realizzazzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja għandha tiffaċilita t-tixjiħ attiv permezz tal-iżvilupp u ż-żamma tal-ħiliet u l-kompetenzi li jeħtieġu n-nies biex ikunu jistgħu jaħdmu u jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà. Il-politiki dwar l-edukazzjoni huma responsabbiltà tal-Istati Membri; madankollu, l-UE qiegħda taħdem biex tappoġġa l-kontribut li tista' tagħti l-edukazzjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet soċjali u ekonomiċi globali tal-UE fil-kuntest ta' soċjetà li qiegħda tixjjeħ. **Edukazzjoni u Taħriġ (ET) 2020** tipprovdi l-qafas strateġiku għal din il-kooperazzjoni Ewropea.

Il-Ministri Ewropej għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali stabbilixxew il-prijoritajiet taġħhom għall-kooperazzjoni Ewropea mtejbja sal-2020 fil-**Bruges Communiqué**. Hija tindirizza speċifikament l-importanza li jiġu aġġornati l-ħiliet u l-kompetenzi tal-ħaddiema anzjani. Sadanittant, **l-Aġenda Ewropea għat-Tagħlim tal-Adulti** tagħmel enfasi fuq id-dispożizzjoni żviluppata tajjeb dwar it-tagħlim lill-anzjani għall-promozzjoni ta' tixjiħ attiv, awtonomu u b'saħħtu. Bil-għan li tippromwovi u tmexxi l-proċess ta' politika, il-Kummissjoni Ewropea nediet l-istudju dwar it-tagħlim għat-tixjiħ attiv u t-tagħlim bejn il-ġenerazzjonijiet. Ir-riżultati tal-istudju għandhom jgħinu sabiex jiġu identifikati l-elementi ewlenin tar-rwol tat-tagħlim f'soċjetà li qiegħda tixjjeħ u l-implikazzjonijiet tiegħu għall-Ewropa.

Il-**Programm ta' Tagħlim Tul il-ħajja** (LLP) tal-UE jiffaċilita kemm it-tixjiħ attiv fl-impjieg permezz tal-inizjattivi ta' taħriġ vokazzjonali, kif ukoll it-tixjiħ attiv fil-komunità u fid-dar permezz tal-iżvilupp tal-ħiliet personali. Il-proġetti huma mmirati għal studenti u persuni individwali li qegħdin jittgħallmu, iżda wkoll għall-għalliema, għal dawk li jipprovdu t-taħriġ u għall-organizzazzjonijiet. B'baġit ta' kważi EUR 7 biljun matul il-perjodu 2007–13, l-LLP jappoġġa l-oportunitajiet ta' taġħlim għan-nies fl-istadji kollha ta' ħajjithom permezz ta' skambji, żjarat ta' studju u attivitajiet ta' netwerking. Il-Programm ta' Tagħlim Tul il-ħajja se jiġi segwit mill-**programm Erasmus għal Kulħadd** (2014–20). Din hija proposta ambizzjuża li tindirizza l-isfidi komuni tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Ewropa. L-edukazzjoni għall-adulti, inkluż it-tagħlim aktar tard matul il-ħajja, hija parti minn din l-aġenda.

Il-programm **Grundtvig** huwa fergħa speċifika tal-LLP li jappoġġa t-tagħlim għall-adulti kollha. Wieħed mill-għanijiet tiegħu huwa li jippromwovi l-iżvilupp personali, l-indipendenza u l-kontribut tan-nies lejn is-soċjetà meta jixjjeħu.

L-appoġġ ta' Grundtvig għall-anzjani li għadhom qegħdin jittgħallmu

L-EuBiA żviluppata in-netwerking u l-iskambju tal-aqwa Prattika sabiex tintlaħaq u tiġi infurzata l-kapaċità tal-anzjani li għadhom qegħdin jittgħallmu. Hija ħolqot gwida sabiex l-anzjani jiġu involuti fit-tagħlim u stabbiliet netwerk kontinwu ta' Prattikanti.

Inizjattiva interessanti ta' Grundtvig li tippromwovi direttament it-tixjiħ attiv fil-komunità hija l-**Programm ta' Volontarjat mal-Anzjani**. Dan il-programm jippromwovi l-kontribut li jistgħu jagħtu l-anzjani bħala voluntiera f'pajjiżi oħrajn u b'hekk isaħħaħ is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet.

Fergħa utli oħra tal-LLP għall-promozzjoni tat-tixjiħ attiv fl-impjieg hija l-programm **Leonardo da Vinci** għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, li jista' jintuża kemm għat-taħriġ tal-ħaddiema anzjani, kif ukoll għall-promozzjoni tad-domanda għalihom.

Cedefop: Aġenzija tal-UE li tappoġġa l-iżvilupp ta' politiki dwar it-taħriġ u l-edukazzjoni vokazzjonali

Cedefop, iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali bbażat f'Tessaloniki, imexxi proġett dwar il-ħaddiema li qegħdin jixjjeħu. Huwa għandu l-għan li jipprovdi intuizzjonijiet ġodda dwar it-tixjiħ u x-xogħol permezz ta' riċerka ġdida, kif ukoll li jissuġġerixxi politiki dwar it-tixjiħ attiv intenzi biex jiskoraġġixxu l-irtirar bikri u jstimulaw ħajjet tax-xogħol itwal.

Konklużjoni

Dan il-fuljett juri li l-UE tappoġġa t-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet b'ħafna modi differenti — u li hija se tintensifika l-isforzi taġħha f'għadd ta' oqsma. Madankollu, il-fuljett jagħmilha ċara wkoll li aħna rridu niffaċċjaw u nindirizzaw firxa wiesgħa ħafna ta' kwistjonijiet u li ħafna mix-xogħol jeħtieġ li jsir fl-Istati Membri, fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, u fi proċessi ta' negozjar kollettivi.

L-UE għandha ħafna x'toffri b'appoġġ għall-isforzi tar-riforma fl-Istati Membri, iżda ħafna mill-istrumenti ta' finanzjament u l-programmi ppreżentati f'dan il-fuljett huma, fil-biċċa l-kbira taġħhom, immexxija mid-domanda. Approċċ minn fuq għal isfel għat-tixjiħ attiv, fejn l-UE tiegħu l-kmand u tgħid lil dawk li jfasslu l-politika fl-Istati Membri x'hemm bżonn li jsir, ma jaħdimx. Ħafna mill-ostakoli li jeħtieġ li jingħelbu sabiex it-tixjiħ attiv isir realtà, għandhom jiġu indirizzati b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, li jesiġi li dan isir fl-Istati Membri individwali f'isem iċ-ċittadini taġħhom.

Madankollu, l-istrumenti politiċi ppreżentati f'dan il-fuljett jiffaċilitaw is-sħubija bejn l-awtoritajiet tal-UE u dawk pubbliċi fl-Istati Membri, kif ukoll bejn dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet interessati minn pajjiżi differenti. Huwa l-impenn taġħhom li jmexxu 'l quddiem il-kawża tat-tixjiħ attiv, li għandu jiddetermina kemm se jkun effettivi l-istrumenti politiċi tal-UE. L-ideat taġħhom għal soluzzjonijiet ġodda jistgħu jibbenifikaw mill-appoġġ tal-UE għall-ittestjar taġħhom u sabiex jiġi żgurat li l-prattika tajba tinfirex b'mod wiesa' madwar l-UE.

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-kontribut tal-UE għat-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2012 — 19 pp. — 21 × 29.7 cm

ISBN 978-92-79-25132-0

doi:10.2767/68347

Dan il-fuljett jippreżenta l-kontribut tal-UE għall-aġenda tat-tixjiħ attiv u juri li l-UE hija msieħba qawwija f'dan ir-rigward. L-għan ta' dan il-fuljett huwa li jispira aktar sforzi determinati fl-Istati Membri kollha għall-promozzjoni tat-tixjiħ attiv, sabiex b'hekk jiġi żgurat li s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet tkun tiflaħ għat-test tat-tixjiħ tal-popolazzjoni.

Din il-pubblikazzjoni hija disponibbli f'format stampat bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' tikseb id-dettalji tal-kuntatt mill-websajt (<http://ec.europa.eu>) jew billi tibgħat faks f'dan in-numru: +352 2929-42758

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

Abbonamenti bi ħlas (pereżempju s-serje annwali ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u r-rapporti fuq kawżi li hemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea):

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

Jinteressawk il-pubblikazzjonijiet tad-Direttorat Ġenerali
tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni?

Jekk iva, tista' tniżżilhom mill-Internet jew tabbona għalihom bla ħlas minn
<http://ec.europa.eu/social/publications>

Nistiednuk ukoll tinkiteb sabiex tibda tirċievi n-newsletter elettronika
tal-Kummissjoni Ewropea, Social Europe, bla ħlas minn
<http://ec.europa.eu/social/e-newsletter>

<http://ec.europa.eu/social>

